UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

Strażburgu, 17 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

2023/0250(COD)
LEX 2524

PE-CONS 11/1/26
REV 1

JAI 223
COPEN 53
DROIPEN 32
FREMP 62
SOC 91
CODEC 286

# DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL LI TEMENDA D-DIRETTIVA 2012/29/UE LI TISTABBILIXXI STANDARDS MINIMI FIR-RIGWARD TAD-DRITTIJIET, L-APPOĠĠ U L-PROTEZZJONI TAL-VITTMI TAL-KRIMINALITÀ, U LI TISSOSTITWIXXI D-DEĊIŻJONI QAFAS TAL-KUNSILL 2001/220/ĠAI

**DIRETTIVA (UE) 2026/...**
**TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tas-17 ta' Ġunju 2026**

**li temenda d-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 82(2)(c) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja[2],

---

[1] ĠU C, C/2024/1592, 5.3.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/1592/oj.
[2] Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2026 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2026.

Billi:

(1) Sabiex jiġi żgurat li l-vittmi tal-kriminalità jirċievu informazzjoni, appoġġ u protezzjoni xierqa u jkunu jistgħu jipparteċipaw fi proċedimenti kriminali, l-Unjoni adottat id-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3].

(2) Fid-dokument ta' ħidma tal-persunal tagħha tat-28 ta' Ġunju 2022 dwar l-evalwazzjoni tad-Direttiva 2012/29/UE, il-Kummissjoni kkonkludiet li, għalkemm id-Direttiva 2012/29/UE b'mod ġenerali tat il-benefiċċji mistennija u affettwat id-drittijiet tal-vittmi b'mod pożittiv, għad hemm problemi speċifiċi relatati mad-drittijiet tal-vittmi taħt dik id-Direttiva. In-nuqqasijiet identifikati jinkludu kapaċità insuffiċjenti li wieħed jaċċessa l-informazzjoni, jaċċessa l-appoġġ u l-protezzjoni skont il-ħtiġijiet individwali ta' kull vittma, li jipparteċipa fi proċedimenti kriminali jew li jirċievi deċiżjoni dwar il-kumpens mill-awtur ta' reat matul il-proċedimenti kriminali. Din ir-reviżjoni tad-Direttiva 2012/29/UE għandha l-għan li twieġeb għan-nuqqasijiet identifikati f'dik l-evalwazzjoni u f'diversi konsultazzjonijiet.

(3) Il-vittmi li jesperjenzaw diskriminazzjoni intersezzjonali huma f'riskju akbar li jġarrbu ħsara minn vittimizzazzjoni sekondarja u ripetuta. Huwa għalhekk importanti li fl-implimentazzjoni tad-Direttiva 2012/29/UE l-Istati Membri jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tal-vittmi affettwati minn diskriminazzjoni intersezzjonali.

---

[3] Id-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 57, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2012/29/oj).

(4) Sabiex jiġu żgurati kanali komprensivi ta' komunikazzjoni li jqisu l-kumplessità tal-ħtiġijiet tal-vittmi fir-rigward tad-dritt tagħhom li jaċċessaw l-informazzjoni, il-vittmi kollha, irrispettivament minn fejn fl-Unjoni u f'liema ċirkostanzi seħħ l-att kriminali, jenħtieġ li jkunu jistgħu jaċċessaw il-helpline għall-vittmi billi jużaw in-numru tat-telefon 116 006 madwar l-Unjoni kollha. L-introduzzjoni ta' dak in-numru tat-telefon madwar l-Unjoni kollha jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għal numri tat-telefon nazzjonali eżistenti, inkluż numri għal helplines imħaddma minn organizzazzjonijiet mhux governattivi. Minbarra l-aċċess bit-telefon, il-helplines għall-vittmi jenħtieġ li jsiru aċċessibbli permezz ta' teknoloġiji oħra tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, inklużi applikazzjonijiet online u siti web. Tali servizzi jistgħu jsiru aċċessibbli wkoll permezz ta' chat-boxes. L-informazzjoni mogħtija fuq siti web jenħtieġ ukoll li tinkludi l-informazzjoni speċifikata f'din id-Direttiva dwar is-sensibilizzazzjoni u l-komunikazzjoni tad-drittijiet tal-vittmi, li tissimplifika l-informazzjoni mogħtija fuq is-siti web u tevita d-duplikazzjoni tas-siti web li jkun fihom informazzjoni dwar id-drittijiet tal-vittmi. Permezz tal-helplines, jenħtieġ li l-vittmi jkunu jistgħu jirċievu informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom, jirċievu appoġġ emozzjonali, u jiġu riferuti lill-pulizija jew lil servizzi oħrajn, inkluż helplines speċjalizzati oħrajn, jekk ikun meħtieġ. L-appoġġ emozzjonali jista' jinftiehem bħala approċċ empatetiku lejn il-vittmi biex dawn ikunu jistgħu jħossuhom aċċettati u sikuri u li jesprimu ruħhom b'mod liberu. Jenħtieġ li dawn il-helplines jirreferu wkoll lill-vittmi għal helplines speċjalizzati oħrajn, imsemmija fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/116/KE[4], bħan-numri armonizzati relatati mal-helpline għat-tfal "116 111", il-hotline għal tfal neqsin "116 000" u l-helpline għall-vittmi tal-vjolenza fuq in-nisa "116 016".

---

[4] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/116/KE tal-15 ta' Frar 2007 dwar l-irriservar tal-firxa nazzjonali ta' numri li jibdew b'"116" għal numri armonizzati ta' servizzi armonizzati ta' valur soċjali (ĠU L 49, 17.2.2007, p. 30, *ELI:* http://data.europa.eu/eli/dec/2007/116(1)/oj).

Jenħtieġ li s-servizzi pprovduti mill-helplines ikunu disponibbli bil-lingwa jew bil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru, kif determinat mil-liġi nazzjonali tiegħu. Fil-każ ta' servizzi li jiġu pprovduti permezz tal-helplines, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu ħilithom biex jiżguraw l-għoti ta' dawk is-servizzi mill-anqas b'lingwa waħda oħra li tinftiehem b'mod wiesa' fl-Istat Membru kkonċernat. F'dak il-każ, huwa f'idejn l-Istat Membru li jiddeċiedi, abbażi ta' kriterji oġġettivi, liema lingwa addizzjonali se jagħżel. Lingwa li tinftiehem b'mod wiesa' hija lingwa li tintuża fl-Istat Membru minbarra l-lingwa jew il-lingwi uffiċjali u li l-vittma tista' tkun raġonevolment mistennija li tifhem. Lingwa li tinftiehem b'mod wiesa' tista', pereżempju, tkun lingwa minoritarja fi Stat Membru, il-lingwa ta' popolazzjoni partikolarment vulnerabbli jew lingwa li tintuża b'mod wiesa' internazzjonalment. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li s-servizzi mogħtija minn helplines li jagħtu l-informazzjoni speċifikata f'din id-Direttiva lill-vittmi jew li jirreferuhom għal servizzi rilevanti jew helplines speċjalizzati permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni jiġu mogħtija b'lingwa li l-vittmi jistgħu jifhmu, dment li dan ikun mill-anqas possibbli permezz ta' teknoloġiji tat-traduzzjoni u tal-interpretazzjoni. Jenħtieġ li l-helplines jitħaddmu b'mod sikur, filwaqt li jiġi żgurat li l-informazzjoni, u b'mod partikolari d-data, ma tiġix skambjata b'mod li jiġi permess aċċess mingħajr awtorizzazzjoni xierqa. Mingħajr preġudizzju għall-proċeduri nazzjonali, huwa importanti li jiġu implimentati miżuri ta' sigurtà xierqa biex jiġi evitat kwalunkwe aċċess mhux awtorizzat. Huwa importanti li l-helplines ikunu aċċessibbli mhux biss permezz ta' telefonati nazzjonali permezz tan-numru madwar l-Unjoni kollha 116 006, iżda wkoll li jkunu jistgħu jintlaħqu minn Stat Membru ieħor, b'mod partikolari minn vittmi li jkunu ġarrbu ħsara fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru ta' residenza tagħhom.

Dan jenħtieġ li jiġi żgurat, pereżempju, billi jingħata numru addizzjonali li jista' jintlaħaq minn Stat Membru ieħor biex il-vittma tiġi konnessa mal-helpline li teħtieġ li tikkuntattja sabiex tfittex l-assistenza rilevanti. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-appoġġ mogħti mill-helplines ikun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-vittmi li jirċievu informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom u dwar il-każ tagħhom u li jikkomunikaw mal-awtoritajiet kompetenti u ma' servizzi ta' appoġġ ġenerali jew speċjalizzat għall-vittmi permezz ta' teknoloġiji xierqa tal-komunikazzjoni u tal-informazzjoni. Il-helplines jenħtieġ li jitħaddmu minn persuni mħarrġa kif xieraq, inklużi voluntiera, biex jiġi żgurat livell għoli ta' servizz u b'mod sensittiv għall-vittmi, f'konformità mal-istandards eżistenti ta' appoġġ ta' kwalità. Jenħtieġ li l-helplines joperaw taħt ir-regoli ġenerali stabbiliti fid-Direttiva 2012/29/UE kif emendata b'din id-Direttiva għas-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi u jaġixxu skont l-interess tal-vittmi, u jenħtieġ li jkunu kunfidenzjali u mingħajr ħlas u fl-interess tal-vittmi.

(5) Jenħtieġ li r-rappurtar dwar il-kriminalità fl-Unjoni jittejjeb biex tiġi miġġielda l-impunità, tiġi evitata vittimizzazzjoni ripetuta u jiġu żgurati soċjetajiet aktar sikuri. Il-vittmi xi drabi ma jkunux konxji li huma vittmi ta' att kriminali waqt li jkunu għadhom qed iġarrbu l-ħsara, bħal pereżempju l-vittmi taċ-ċiberkriminalità; Huwa meħtieġ li tiġi miġġielda l-insensittività pubblika lejn il-kriminalità billi titqajjem il-kuxjenza pubblika, jiġu assistiti l-vittmi, jitnaqqas kwalunkwe ostaklu biex jiġu rrappurtati atti kriminali u jinħolqu ambjenti aktar sikuri għall-vittmi biex jirrappurtaw il-kriminalità. Dan huwa partikolarment rilevanti għal dawk il-vittmi li huma l-anqas probabbli li jirrappurtaw att kriminali, u normalment ikunu dawk li jeħtieġu l-aktar protezzjoni. Sabiex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' rappurtar, huwa importanti wkoll li jiġi ffaċilitat ir-rappurtar lill-awtoritajiet kompetenti li twettaq reat kriminali, minn persuni li jafu, jew li in bona fide jissuspettaw, li twettaq reat kriminali.

(6) Jekk ir-reati kriminali jibqgħu ma jiġux irrappurtati jew jekk ma jiġux irrappurtati biżżejjed, dan jaffettwa lill-Unjoni kollha u jfixkel il-funzjonament bla xkiel tal-ispazju Ewropew ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Il-proċess ta' rappurtar ta' reati kriminali jinkludi diversi passi definiti fir-regoli proċedurali applikabbli stabbiliti fil-liġi nazzjonali. Dawk il-passi jinkludu, meta rilevanti u applikabbli, li jsir ilment jew li l-awtoritajiet kompetenti jaġixxu ex officio. Il-proċess ta' rappurtar ta' reati kriminali jenħtieġ li jsir aktar effettiv biex itejjeb il-prevenzjoni tal-kriminalità u jaġixxi bħala deterrent għall-awturi ta' reat potenzjali. Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttiva 2012/29/UE tiġi emendata biex jiġi ffaċilitat ir-rappurtar ta' reati kriminali permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni faċilment aċċessibbli u faċli għall-utent.

(7) Sabiex jiġi żgurat aċċess effettiv għall-ġustizzja għall-vittmi, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu mezzi għar-rappurtar ta' reati kriminali li jkunu mingħajr ħlas, aċċessibbli, faċli għall-utent, sikuri u faċilment disponibbli. Ir-rappurtar ta' reati kriminali li jsir bi preżenza fiżika jista' jitqies aktar xieraq, fost l-oħrajn, f'każijiet urġenti, bħal f'każijiet li jinvolvu theddida imminenti, f'każijiet meta jkun meħtieġ segwitu immedjat, f'każijiet meta jkun meħtieġ li l-evidenza tiġi protetta mingħajr dewmien, jew f'każijiet meta jkun meħtieġ kuntatt personali biex tiġi żgurata l-effettività tal-investigazzjoni kriminali. Ir-rappurtar ta' reati kriminali permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni jista' jitqies xieraq, fost l-oħrajn, għal ċerti każijiet mhux urġenti u reati kriminali mhux vjolenti. Każijiet vjolenti jinvolvu vjolenza fiżika jew psikoloġika. Meta tiġi determinata d-disponibbiltà ta' tali rappurtar, jenħtieġ li l-Istati Membri jqisu l-aħjar interess tal-vittma, filwaqt li jqisu jekk ir-rappurtar online jiżgurax il-verifika, il-valutazzjoni jew l-ipproċessar f'waqthom tar-rapport mill-awtorità kompetenti, jekk ir-rappurtar online joħloqx riskju ta' telf jew deterjorament tal-evidenza, u jekk intervista mdewma jew inadegwata tal-vittma taffettwax il-każ b'mod negattiv.

(8) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiffaċilitaw ir-rappurtar minn parti terza. Ir-rappurtar minn parti terza jista' jippreżenta alternattiva għar-rappurtar direttament lill-awtoritajiet kompetenti u jippermetti lill-vittmi jinfurmaw, in bona fide, lil parti terza mħarrġa kif xieraq, bħal organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili jew organizzazzjoni mhux governattiva, dwar reat kriminali. Il-parti terza mbagħad tinforma, bil-kunsens tal-vittma meta fattibbli, lill-awtoritajiet kompetenti. Ir-rappurtar minn parti terza jista' jiffaċilita l-aċċess tal-vittmi għall-ġustizzja f'ċirkostanzi partikolari, bħal meta jibżgħu minn riperkussjonijiet. Dan jgħin ukoll biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' rappurtar tal-kriminalità. L-Istati Membri jistgħu jappoġġjaw u jiffaċilitaw ir-rappurtar minn parti terza billi jippromwovu kooperazzjoni u djalogu aktar mill-qrib bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li x'aktarx jirċievu informazzjoni mill-vittmi fir-rigward ta' reati kriminali. Dik il-kooperazzjoni u dak id-djalogu jistgħu jippermettu lill-awtoritajiet ikollhom fehim preċiż tal-inċidenza tal-kriminalità fil-livell lokali jew tas-soċjetà. Ir-rappurtar minn parti terza huwa mingħajr preġudizzju għar-regoli proċedurali nazzjonali dwar il-formalizzazzjoni tar-rappurtar u s-sottomissjoni tal-evidenza. Tali rappurtar huwa differenti minn parti terza li tirrappreżenta lill-vittmi fi proċedimenti kriminali u huwa mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli fl-Istati Membri rigward il-proċedura meħtieġa biex awtorità kompetenti tiddeċiedi jekk tnedix investigazzjoni b'mod formali f'każ partikolari.

(9) Il-miżuri meħuda għall-protezzjoni tal-vittmi qabel ma l-awtur ta' reat jiġi infurmat li ġie rrappurtat reat kriminali huma mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 3 u 6 tad-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5].

(10) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-persuni b'libertà ristretta jistgħu effettivament jirrappurtaw reat kriminali mwettaq f'faċilitajiet, bħal istituzzjonijiet tas-saħħa mentali u tal-kura soċjali, djar għat-tfal u djar tal-anzjani u kwalunkwe ambjent magħluq ieħor pubbliku jew privat taħt il-kontroll ta' awtoritajiet ġudizzjarji, amministrattivi jew pubbliċi oħra, jew fi kwalunkwe istituzzjoni privata li dawk il-persuni ma jitħallewx jew li mhumiex f'pożizzjoni li jitilqu minnhom meta jridu.

---

[5] Id-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali (ĠU L 142, 1.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2012/13/oj).

(11) Huwa importanti li l-Istati Membri kollha jiżviluppaw mekkaniżmi aktar effettivi biex jilħqu lill-vittmi ta' atti kriminali li ma jiġux irrappurtati. L-iskala tal-problema ta' atti kriminali mhux irrappurtati hija konsiderevoli. L-istħarriġ tal-2021 tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali bit-titolu "Kriminalità, Sikurezza u Drittijiet tal-Vittmi" sab li, fil-parti l-kbira tal-każijiet, il-vittmi ma jirrapportawx l-atti kriminali. Dan huwa partikolarment ta' tħassib fir-rigward ta' ċerti tipi ta' kriminalità, bħall-vjolenza domestika, u għal ċerti kategoriji ta' vittmi, b'mod partikolari dawk li huma l-aktar vulnerabbli. Sabiex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' rappurtar, l-Istati Membri jenħtieġ li jiġu mħeġġa jiskambjaw l-aħjar prattiki u jikkunsidraw miżuri innovattivi li għandhom l-għan li jżidu r-rappurtar tal-kriminalità. F'dan ir-rigward, xi Stati Membri implimentaw politiki bbażati fuq l-approċċ "free in, free out", li jippermetti lill-persuni jirrappurtaw att kriminali lill-awtoritajiet kompetenti, irrispettivament mill-istatus ta' residenza tagħhom jew mingħajr biża' ta' riperkussjonijiet f'każ li jiġi żvelat l-istatus irregolari tagħhom. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jikkonformaw mar-regoli tal-Unjoni applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data, b'mod partikolari l-prinċipju li d-data personali jenħtieġ li ma tiġix ipproċessata għal fini ieħor għajr għal dak li għalih tkun inġabret, sakemm ma tkunx teżisti bażi legali skont id-dritt tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali u meta l-ipproċessar għal tali fini ieħor ikun meħtieġ u proporzjonat f'soċjetà demokratika. Skont il-fini tal-ipproċessar, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li japplikaw il-qafas xieraq tal-protezzjoni tad-data, inkluż meta d-data personali tiġi trażmessa bejn awtoritajiet differenti.

(12) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li n-notifika tal-vittmi dwar id-dritt tagħhom li jirċievu informazzjoni dwar il-proċedimenti kriminali u t-talba tal-vittmi biex jirċievu tali informazzjoni jkunu rreġistrati kif xieraq.

(13) Servizzi ta' appoġġ immirati u integrati jenħtieġ li jkunu disponibbli għal firxa wiesgħa ta' vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi. Tali vittmi jistgħu jinkludu mhux biss vittmi ta' vjolenza sesswali u vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, inkluż ta' vjolenza fuq in-nisa u vjolenza domestika, iżda anke vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, vittmi ta' kriminalità organizzata, vittmi b'diżabbiltà, vittmi ta' sfruttament, vittmi ta' reati ta' mibegħda, vittmi ta' terroriżmu, vittmi ta' tortura, vittmi ta' għajbien furzat u vittmi ta' ġenoċidju, delitti kontra l-umanità, delitti tal-gwerra jew tad-delitt ta' aggressjoni kif definit fl-Artikoli 6, 7, 8 u 8bis tal-Istatut tal-Qorti Kriminali Internazzjonali. Bħala parti mir-reazzjoni mmirata u integrata għall-vittmi tal-vjolenza sesswali, is-servizzi tal-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva jistgħu jinkludu, meta legalment disponibbli fi Stat Membru partikolari f'konformità mal-liġi nazzjonali, inklużi l-liġijiet u d-dispożizzjonijiet kostituzzjonali, il-kontraċezzjoni ta' emerġenza, it-trattament profilattiku ta' wara l-esponiment, l-ittestjar għal infezzjonijiet trażmessi sesswalment u l-aċċess għall-abort. Dan jenħtieġ li jkun b'rispett sħiħ għar-responsabbiltajiet tal-Istati Membri dwar id-definizzjoni tal-politika tas-saħħa tagħhom u għall-organizzazzjoni u l-għoti ta' servizzi tas-saħħa u ta' kura medika f'konformità mal-Artikolu 168(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

(14) Is-servizzi ta' appoġġ ġenerali huma servizzi stabbiliti biex jappoġġjaw lill-vittmi kollha tal-kriminalità. Servizzi ta' appoġġ speċjalizzat huma servizzi mfassla apposta għal gruppi speċifiċi ta' vittmi jew huma tip speċifiku ta' servizz. Tali servizzi ta' appoġġ speċjalizzat jistgħu jingħataw lil gruppi partikolari ta' vittmi, bħal pereżempju abbażi tat-tip ta' att kriminali li sfaw vittma tiegħu jew abbażi tal-karatteristiċi personali tal-vittma.

(15) Jenħtieġ li s-servizzi ta' appoġġ ġenerali u speċjalizzat ikunu faċli għall-vittmi biex jaċċessawhom fuq bażi mhux diskriminatorja qabel il-proċedimenti kriminali, matulhom u għal żmien xieraq wara li jintemmu. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li d-distribuzzjoni ġeografika tas-servizzi lill-vittmi tkun suffiċjenti, bħal pereżempju li jkun hemm servizzi f'żoni rurali, remoti u skarsament popolati, filwaqt li jqisu l-ġeografija u l-kompożizzjoni demografika tal-Istat Membru kkonċernat, ħinijiet ta' ftuħ xierqa u l-għoti ta' servizzi permezz ta' kanali differenti. Is-servizzi ta' appoġġ ġenerali u speċjalizzat jenħtieġ li jkunu kkoordinati b'mod partikolari permezz ta' riferimenti bbażati fuq il-ħtiġijiet speċifiċi tal-vittmi, ikunu mingħajr ħlas u kunfidenzjali, inkluż li jkunu protetti b'mod adegwat minn żvelar mhux dovut.

(16) Matul żminijiet ta' kriżi, jista' jkun partikolarment meħtieġ li jiġi żgurat li l-vittmi tal-kriminalità jkollhom aċċess għal servizzi ta' appoġġ f'konformità mal-ħtiġijiet individwali tagħhom. Minħabba l-kriżi, jista' jkun diffiċli għall-Istati Membri li jiżguraw il-funzjonament sħiħ tas-servizzi kollha li normalment jingħataw lill-vittmi. Fil-każ ta' kriżi, huwa importanti li l-Istati Membri jiżguraw li tal-anqas jiġu indirizzati l-ħtiġijiet bażiċi individwali tal-vittmi. Tali ħtiġijiet bażiċi individwali jistgħu jinkludu kura ta' emerġenza, kenn, u miżuri ta' protezzjoni fiżika u appoġġ psikoloġiku.

(17) Jenħtieġ li jkun disponibbli appoġġ psikoloġiku addizzjonali għall-vittmi li jeħtieġu tali appoġġ għat-tul ta' żmien li jkun meħtieġ, skont il-ħtiġijiet individwali tagħhom, meta l-valutazzjoni individwali skont din id-Direttiva tkun identifikat ħtieġa speċjali għal appoġġ psikoloġiku.

(18) Sabiex jiġu evitati konsegwenzi serji ta' vittimizzazzjoni f'età bikrija, li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv il-ħajja kollha tal-vittmi, huwa kruċjali li jiġi żgurat li l-vittmi tfal kollha, inklużi t-tfal li jkunu ġarrbu ħsara b'konsegwenza li kienu xhieda ta' att kriminali, jirċievu l-ogħla standard ta' appoġġ u protezzjoni. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti kollha jadottaw approċċ adattat għat-tfal. Barra minn hekk, huwa importanti li l-aktar vittmi vulnerabbli tfal, f'konformità mal-ħtiġijiet individwali tagħhom, jibbenefikaw mis-servizzi ta' appoġġ u ta' protezzjoni mmirati u integrati li jinkludu l-approċċ ikkoordinat u kooperattiv tal-awtoritajiet ġudizzjarji u tas-servizzi soċjali. Mingħajr preġudizzju għas-sistemi ta' appoġġ nazzjonali eżistenti, l-Istati Membri huma mħeġġa jagħtu tali servizzi ta' appoġġ u protezzjoni fl-istess bini, meta dan jista' jtejjeb l-aċċessibbiltà, il-koordinazzjoni, u l-benesseri ġenerali tat-tfal.

(19) Il-parteċipazzjoni fil-proċess tista' tkun esperjenza emozzjonalment diffiċli u ta' sfida għall-vittmi. Għalhekk huwa importanti li l-vittmi li jkunu preżenti fil-bini tal-qorti jiġu assistiti u jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv fil-proċedimenti kriminali, skont ir-rwol tagħhom fihom. Għal din ir-raġuni, il-vittmi kollha li jeħtieġu informazzjoni u appoġġ emozzjonali fil-bini tal-qorti fejn isiru l-proċedimenti kriminali, b'mod partikolari l-vittmi ta' atti kriminali serji, jenħtieġ li jirċievu informazzjoni prattika dwar l-aspetti organizzattivi tal-proċedimenti tal-qorti kriminali, kif ukoll appoġġ emozzjonali. L-appoġġ emozzjonali jista' jiġi offrut, pereżempju, minn persunal tal-qorti, voluntiera mħarrġa, servizzi ta' appoġġ għall-vittmi jew awtoritajiet kompetenti, kif determinat mill-Istati Membri. Tali assistenza ma tirrikjedix id-disponibbiltà ta' faċilitajiet addizzjonali jew il-preżenza permanenti ta' servizzi ta' appoġġ għall-vittmi fil-binjiet tal-qorti.

(20) Il-vittmi kollha fl-Unjoni, f'konformità mal-istatus tagħhom fil-proċedimenti kriminali, jenħtieġ li jiġu infurmati dwar id-deċiżjonijiet meħuda fil-proċedimenti tal-qorti u li jaffettwawhom direttament. Tali deċiżjonijiet jenħtieġ li jinkludu mill-anqas deċiżjonijiet dwar l-interpretazzjoni u t-traduzzjoni matul is-smigħ tal-qorti u deċiżjonijiet rigward miżuri ta' protezzjoni speċjali disponibbli għall-vittmi bi ħtiġijiet ta' protezzjoni speċifiċi. Il-vittmi jenħtieġ li jkollhom ukoll id-dritt li jitolbu rieżami tad-deċiżjonijiet li jikkonċernaw id-dritt tagħhom għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni, id-dritt tagħhom li jinstemgħu u d-dritt tagħhom għall-għajnuna legali, meta tali deċiżjonijiet jittieħdu matul is-smigħ tal-qorti. Id-dritt li jintalab rieżami jenħtieġ li jiġi eżerċitat f'konformità mal-proċeduri fil-liġi nazzjonali u mal-istatus tal-vittmi fil-proċedimenti kriminali. Dak id-dritt ma jirrikjedix li l-Istati Membri jipprevedu mekkaniżmu jew proċedura separati jew ġodda li fihom id-deċiżjoni tista' tiġi kkontestata, jekk tali mekkaniżmu jew proċedura diġà jeżistu, u jenħtieġ li ma jtawlux il-proċedimenti kriminali b'mod mhux raġonevoli jew jissospenduhom. Jenħtieġ li jkun possibbli li jitwettaq rieżami ta' deċiżjoni fl-istess istanza, possibbilment mill-istess awtorità. Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li r-rieżami jitwettaq bil-fomm matul il-proċedimenti tal-qorti, bir-rispett dovut għad-dritt tal-vittma li jkollha traduzzjoni u interpretazzjoni.

(21) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li d-data personali dwar il-post ta’ residenza jew dettalji ta’ kuntatt ekwivalenti oħra tal-vittma ma jiġux żvelati lill-awtur ta’ reat. F’każijiet eċċezzjonali meta tali data jenħtieġ li tingħata lill-awtur ta’ reat, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti, fil-valutazzjoni tagħha dwar il-ħtieġa li tiġi żvelata tali data, tqis l-eżerċizzju tad-drittijiet tad-difiża, bir-rispett dovut għall-Artikolu 7 tad-Direttiva 2012/13/UE, sabiex jiġi evitat preġudizzju għad-drittijiet tad-difiża, u kwalunkwe interess leġittimu fl-iżvelar li jista’ jisboq id-dritt tal-vittma għall-protezzjoni tad-data personali. F’każijiet eċċezzjonali, meta tali data jeħtieġ li tiġi żvelata, huwa importanti li l-awtoritajiet kompetenti jikkunsidraw li jieħdu miżuri ta’ protezzjoni xierqa biex itaffu kwalunkwe riskju potenzjali ta’ ħsara psikoloġika jew fiżika lill-vittma. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal-liġi nazzjonali dwar it-trasparenza u l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni, li hija bbażata fuq it-tradizzjonijiet kostituzzjonali tal-Istati Membri.

(22) Id-dritt għall-għajnuna legali huwa essenzjali biex jiżgura aċċess universali għall-ġustizzja u parteċipazzjoni effettiva għall-vittmi fi proċedimenti kriminali u l-aċċess għall-għajnuna legali għalhekk jenħtieġ li jkun disponibbli għall-vittmi li għandhom id-dritt li jsiru partijiet għall-proċedimenti kriminali. Dan jenħtieġ li jinkludi dawk il-vittmi li jkollhom l-istatus ta' parti fil-mument tal-introduzzjoni ta' talba għall-għajnuna legali, kif ukoll dawk li l-istatus formali tagħhom bħala parti se jiġi deċiż fi stadju aktar tard tal-proċedimenti, bħal f'sitwazzjoni meta l-istatus ta' parti jingħata biss wara deċiżjoni li l-awtur ta' reat jiġi mixli. L-għajnuna legali jenħtieġ li tkopri l-kostijiet u l-ispejjeż relatati mal-assistenza ta' avukat matul il-proċedimenti kriminali, inklużi l-kostijiet bħal dawk imġarrba qabel ma jkun ingħata status ta' parti. Meta jitwettaq test tal-mertu, meta tkun diġà twettqet valutazzjoni individwali skont din id-Direttiva, l-Istati Membri huma mħeġġa jqisu r-riżultati ta' dik il-valutazzjoni. Ċerti kategoriji ta' vittmi, bħall-vittmi b'diżabbiltajiet, il-vittmi tfal jew il-vittmi ta' ċerti atti kriminali, u b'mod partikolari l-vittmi f'sitwazzjoni vulnerabbli, li għandhom id-dritt li jsiru partijiet għal proċedimenti kriminali, jenħtieġ li jingħataw għajnuna legali meta ma jkollhomx mezzi suffiċjenti. Jenħtieġ li dawn il-kategoriji jkunu definiti mill-Istati Membri fil-liġi nazzjonali. Din id-Direttiva ma toħloq l-ebda dritt li wieħed isir parti għal proċedimenti kriminali. L-Istati Membri huma mħeġġa jagħtu għajnuna legali lill-vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, ta' terroriżmu u ta' traffikar tal-bnedmin irrispettivament minn test tal-mezzi jew tal-mertu.

(23) Il-vittmi kollha jenħtieġ li jiġu vvalutati b'mod f'waqtu, adegwat, effiċjenti u proporzjonat, f'konformità ma' din id-Direttiva u mal-proċeduri nazzjonali rilevanti sabiex jingħata effett lid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva. Il-proċeduri nazzjonali huma importanti biex jiġi żgurat li l-miżuri ta' appoġġ u ta' protezzjoni jiġu adattati għall-ħtiġijiet individwali tal-vittma u għaċ-ċirkostanzi u li l-awtoritajiet kompetenti fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali jkunu jistgħu jiddeterminaw l-organizzazzjoni prattika tal-valutazzjonijiet, inklużi l-aktar istituzzjonijiet jew korpi xierqa biex iwettquhom. Huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-vittmi jirċievu l-appoġġ u l-protezzjoni li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet individwali tagħhom. Il-valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet tal-vittmi ta' appoġġ u protezzjoni jenħtieġ li ddum kemm ikun hemm meħtieġ, skont il-ħtiġijiet individwali tal-vittmi. Dan ifisser li dik il-valutazzjoni tista' ssir fi stadji, pereżempju xi vittmi se jkollhom biss kuntatt ma' servizz tal-pulizija, filwaqt li vittmi oħra se jgħaddu minn stadji ulterjuri ta' valutazzjoni individwali. Il-vittmi kollha jenħtieġ li jiġu vvalutati fl-aktar stadju bikri possibbli, bħal waqt l-ewwel kuntatt mal-awtoritajiet kompetenti, pereżempju l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u tal-prosekuzzjoni, li l-persunal tagħhom jenħtieġ li jkun imħarreġ b'mod xieraq biex jiġi żgurat li l-vittmi l-aktar vulnerabbli jiġu identifikati fl-istadji bikrin ħafna tal-proċedimenti. Il-vittmi li jeħtieġu valutazzjoni mtejba jenħtieġ li jiġu vvalutati, meta xieraq, f'kollaborazzjoni u f'koordinazzjoni mal-istituzzjonijiet u mal korpi rilevanti, kif ukoll mas-servizzi ta' appoġġ ġenerali u speċjalizzati, inkluż permezz ta' riferimenti għal tali servizzi, skont il-ħtiġijiet individwali tal-vittmi u l-istadju tal-proċedura. Tali servizzi u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi huma fl-aħjar pożizzjoni biex jiġi vvalutat l-istat tal-benesseri tal-vittmi. Il-kuntatt mal-helplines ma jitqiesx bħala l-ewwel kuntatt mal-awtoritajiet kompetenti.

L-istituzzjonijiet u l-korpi rilevanti jistgħu jinkludu l-awtoritajiet kompetenti ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi li jaħdmu mal-vittmi kif ukoll jistgħu jinkludu lil dawk responsabbli li jadottaw miżuri ta' protezzjoni. Il-valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet tal-vittma jenħtieġ li tinkludi l-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' appoġġ tal-vittma, mhux biss dawk ta' protezzjoni. Huwa essenzjali li jiġu identifikati l-vittmi li jeħtieġu appoġġ speċjali sabiex ikun jista' jingħata appoġġ immirat, bħal appoġġ psikoloġiku, lil dawk li jeħtiġuh. Meta jiġu vvalutati l-ħtiġijiet ta' appoġġ u protezzjoni tal-vittma, l-attenzjoni jenħtieġ li tkun fuq l-issalvagwardjar tas-sikurezza tal-vittma u fuq l-għoti ta' appoġġ u protezzjoni mmirati, filwaqt li jitqiesu, fost l-oħrajn, iċ-ċirkostanzi individwali tal-vittma, l-impatt tal-att kriminali u l-vulnerabbiltajiet speċifiċi tal-vittma. B'mod partikolari, il-valutazzjoni individwali jenħtieġ li tqis il-karatteristiċi personali tal-vittmi, inklużi esperjenzi rilevanti ta' diskriminazzjoni, inkluża diskriminazzjoni abbażi ta' raġunijiet intersezzjonali, bħall-ġeneru, inkluż l-identità tal-ġeneru, l-età, id-diżabbiltà, l-istatus ta' residenza, ir-reliġjon jew it-twemmin, il-lingwa, l-oriġini razzjali, soċjali jew etnika, u l-orjentazzjoni sesswali. Il-valutazzjoni individwali jenħtieġ li tqis ukoll, abbażi tal-informazzjoni disponibbli, ir-riskji li jirriżultaw mill-awtur ta' reat, li jista' jkollu storja ta' vjolenza, użu tal-armi jew abbuż mid-drogi u b'hekk joħloq riskji ogħla għall-vittmi, kif ukoll joħloq sitwazzjonijiet li fihom il-vittmi jkunu dipendenti fuq l-awtur ta' reat, pereżempju finanzjarjament. Il-valutazzjoni individwali jenħtieġ li ssir fl-aħjar interess tal-vittma, filwaqt li tiġi evitata l-vittimizzazzjoni sekondarja jew ripetuta. Meta rilevanti u xieraq, il-ħtiġijiet ta' appoġġ u protezzjoni tal-membri tal-familja tal-vittma jenħtieġ li jitqiesu kif xieraq fil-valutazzjoni individwali.

(24) Bħala riżultat tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tal-vittmi għall-protezzjoni, il-vittmi li jeħtieġu protezzjoni fiżika, b'mod partikolari vittmi f'sitwazzjonijiet ta' periklu għall-ħajja, jenħtieġ li jkunu jistgħu jirċievu protezzjoni fiżika f'forma adattata għas-sitwazzjoni partikolari tagħhom. Jenħtieġ li miżuri għall-protezzjoni fiżika jinkludu l-preżenza ta' awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jew ta' korpi oħra li jagħtu l-protezzjoni fiżika, miżuri biex iżommu l-awtur ta' reat 'il bogħod mill-vittma abbażi ta' ordnijiet ta' projbizzjoni, ta' trażżin jew ta' protezzjoni nazzjonali jew ir-riferimenti għal kenn u akkomodazzjoni temporanja oħra. Tali miżuri jistgħu jkunu ta' natura kriminali, amministrattiva jew tal-liġi ċivili. L-Istati Membri jenħtieġ li jqajmu l-kuxjenza fost l-awtoritajiet kompetenti rilevanti dwar id-disponibbiltà ta' tali miżuri ta' protezzjoni u jenħtieġ li jiżguraw li l-vittmi jkunu infurmati kemm dwar id-disponibbiltà ta' tali miżuri kif ukoll dwar id-dritt tagħhom li japplikaw għalihom. Kenn u akkomodazzjoni temporanja xierqa oħra għall-vittmi għandhom rwol vitali biex jipproteġu lil vittmi minn atti ta' vjolenza. Dawn jipprovdu akkomodazzjoni sikura u ta' emerġenza fejn il-vittmi jistgħu jfittxu rifuġju mill-vjolenza u appoġġ biex jibnu ħajjithom mill-ġdid ħielsa mill-vjolenza. L-Istati Membri huma marbuta wkoll bid-Direttiva (UE) 2024/1385 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6] u għalhekk għandu jkollhom fis-seħħ kenn u akkomodazzjoni temporanja xierqa oħra għall-vittmi ta' vjolenza domestika u vjolenza sesswali, peress li dawn jikkostitwixxu servizzi essenzjali għal dawk il-vittmi.

---

[6] Id-Direttiva (UE) 2024/1385 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika (ĠU L, 2024/1385, 24.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1385/oj).

(25) Ladarba tittieħed deċiżjoni dwar il-kumpens għall-vittma matul il-proċedimenti kriminali, il-kumpens mogħti jenħtieġ li jitħallas mill-awtur ta' reat mingħajr dewmien żejjed. Id-dewmien għandu jiġi kkalkulat mit-tmiem tal-aħħar jum tal-iskadenza għall-pagament finali, u jitqies bħala "mhux dovut" meta jaqbeż dak li jista' jkun raġonevolment mistenni minħabba ċ-ċirkostanzi tal-każ. Il-kumpens mogħti msemmi f'din id-Direttiva huwa l-kumpens mogħti wara deċiżjoni finali dwar il-kumpens. L-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom fis-seħħ miżuri xierqa ta' eżekuzzjoni jew ta' infurzar biex jgħinu lill-vittmi jiksbu dak il-kumpens mogħti. Tali miżuri ta' eżekuzzjoni jew ta' infurzar jistgħu jinkludu, fost l-oħrajn, il-qbid ta' assi, l-infurzar minn marixxalli, is-sekwestru ta' introjtu jew pagamenti pubbliċi, jew proċeduri ċivili jew kriminali oħra li jiżguraw l-infurzar tad-deċiżjoni finali dwar il-kumpens. L-Istati Membri għandhom id-diskrezzjoni jekk javvanzawx il-kumpens kollu jew parti minnu mogħti lill-vittma, f'konformità mal-liġi nazzjonali. Il-ħlas bil-quddiem tal-kumpens ma jirrikjedix li l-Istati Membri jistabbilixxu mekkaniżmi ġodda ta' kumpens jew li jaġixxu bħala l-pagatur ewlieni tal-kumpens.

(26) L-awtoritajiet kompetenti jżommu diskrezzjoni sħiħa meta jiddeterminaw il-miżuri xierqa biex jimminimizzaw id-diffikultajiet iffaċċjati mill-vittmi li jkunu residenti ta' Stat Membru għajr dak li fih ikun twettaq ir-reat kriminali.

(27) Il-glorifikazzjoni ta’ reati kriminali serji, kif definit skont il-liġi nazzjonali, bħal provokazzjoni pubblika biex jitwettaq reat terroristiku kif definit fl-Artikolu 5 tad-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7], jew l-għoti ta’ ġieħ lil awtur ta’ reat ta’ reat kriminali serju, jistgħu jirriżultaw fiċ-ċaħda tad-dinjità tal-vittmi u jikkawżawlhom tbatija jew ħsara addizzjonali. Tali vittmi jenħtieġ li jkollhom aċċess għall-miżuri ta’ appoġġ u ta’ protezzjoni previsti skont din id-Direttiva. Tali atti kriminali jistgħu jagħmlu lill-vittmi partikolarment vulnerabbli għal vittimizzazzjoni sekondarja u ripetuta, għal intimidazzjoni u għal ritaljazzjoni. Provokazzjoni pubblika biex jitwettaq reat terroristiku tinkludi, fost l-oħrajn, il-glorifikazzjoni ta’ atti terroristiċi, u tikkostitwixxi reat kriminali skont id-Direttiva (UE) 2017/541. Barra minn hekk, l-inċitament pubbliku għal atti ta’ razziżmu jew ksenofobija jew l-iskużar, iċ-ċaħda jew it-trivjalizzazzjoni qawwija fil-pubbliku ta’ delitti ta’ ġenoċidju, delitti kontra l-umanità jew delitti tal-gwerra jikkostitwixxu reati kriminali skont id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI[8]. Din id-Direttiva ma tirrikjedix li l-Istati Membri jikkriminalizzaw il-glorifikazzjoni ta’ reati kriminali serji, u lanqas ma tirrikjedi li l-kriminalizzazzjoni tad-diskors ta’ mibegħda jew tar-reati ta’ mibegħda. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-4 ta’ Diċembru 2023 dwar it-titjib tal-appoġġ u r-rikonoxximent tal-vittmi tat-terroriżmu jinkludu lista siewja tal-aħjar prattiki u miżuri biex il-vittmi ta’ tali reat jiġu protetti aħjar. Huwa importanti li l-Istati Membri jieħdu wkoll miżuri biex jappoġġjaw lill-vittmi ta’ tipi oħra ta’ kriminalità, bħall-vittmi ta’ vjolenza sesswali, li jiffaċċjaw riskju għoli ta’ vittimizzazzjoni sekondarja u jistgħu jġarrbu ħsara addizzjonali u ċaħda tad-dinjità mill-glorifikazzjoni ta’ tali reati.

---

7 Id-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Marzu 2017 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI (ĠU L 88, 31.3.2017, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2017/541/oj).

8 Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI tat-28 ta’ Novembru 2008 dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta’ razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 328, 6.12.2008, p. 55, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_framw/2008/913/oj).

28) Miżuri li jippermettu lill-vittmi u lill-membri tal-familja tagħhom jevitaw kuntatt mal-awtur ta' ksur jistgħu jinkludu d-disponibbiltà ta' skrins mobbli fl-awli tal-qorti.

(29) L-uffiċjali li x'aktarx jiġu f'kuntatt personali mal-vittmi jenħtieġ li jirċievu taħriġ regolari u suffiċjenti u jkollhom aċċess għalih f'livell xieraq għall-kuntatt tagħhom mal-vittmi fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2012/29/UE. Tali taħriġ huwa speċjalment rilevanti għall-uffiċjali tal-pulizija, il-persunal tal-qorti, l-imħallfin, il-prosekuturi, l-avukati u dawk li jipprovdu appoġġ għall-vittmi u s-servizzi ta' ġustizzja restorattiva, kif ukoll għall-professjonisti tas-saħħa, sa fejn dawn jiġu f'kuntatt mal-vittmi. It-taħriġ għall-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkun effettiv u interdixxiplinari u jenħtieġ li jkollu l-mira li jittieħed vantaġġ minn teknoloġiji ġodda biex jissaħħu l-involviment u l-interazzjoni. Huwa importanti li programmi ta' taħriġ ikopru kwistjonijiet bħall-identifikazzjoni tat-tip ta' ħsara mġarrba mill-vittmi, il-prevenzjoni ta' vittimizzazzjoni sekondarja u ripetuta, komunikazzjoni li tkun sensittiva għall-vittmi u empatika, l-għażla ta' miżuri adegwati ta' appoġġ u ta' protezzjoni, kif ukoll koordinazzjoni effettiva u riferimenti għal servizzi ta' appoġġ għall-vittmi. It-taħriġ jenħtieġ li jkun sensittiv għall-ġeneru, għad-diżabbiltà, għat-tfal u għat-trawma. L-effettività tat-taħriġ jista' jittejjeb aktar permezz ta' kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi inklużi l-assoċjazzjonijiet tal-vittmi u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Huwa importanti li jiġu promossi t-taħriġ reċiproku u l-iskambju ta' prattiki tajba fost l-awtoritajiet nazzjonali, inklużi l-awtoritajiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi, u l-organizzazzjonijiet ta' appoġġ għall-vittmi sabiex jiżguraw appoġġ u protezzjoni aħjar għall-vittmi kif ukoll koordinazzjoni fost l-awtoritajiet u l-organizzazzjonijiet involuti. Linji gwida u listi ta' kontroll speċifiċi għall-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi huma kkunsidrati prattika tajba. It-taħriġ jenħtieġ li jiffoka wkoll fuq iċ-ċiberkriminalità sabiex il-persuni li jiġu f'kuntatt mal-vittmi taċ-ċiberkriminalità jkunu jistgħu jirreaġixxu għall-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.

(30) Minkejja t-titjib sinifikanti li jkun nkiseb minn mindu daħlet fis-seħħ id-Direttiva 2012/29/UE, l-evidenza turi li spiss il-vittmi xorta għadhom mhux konxji biżżejjed tad-drittijiet tagħhom, u dan il-fatt jimmina l-effettività ta' dik id-Direttiva u jiskoraġġixxi lill-vittmi milli jippreżentaw ruħhom biex jirrappurtaw l-att kriminali. Huwa għalhekk imperattiv li l-Istati Membri jistabbilixxu kampanji effettivi ta' sensibilizzazzjoni sabiex issir aktar sensibilizzazzjoni tal-vittmi dwar id-drittijiet tagħhom skont id-Direttiva 2012/29/UE kif emendata b'din id-Direttiva, u drittijiet oħra skont il-liġi nazzjonali, meta applikabbli. L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu wkoll azzjoni xierqa biex issir aktar sensibilizzazzjoni fost il-popolazzjoni inġenerali, inkluż fl-iskejjel. Tali kampanji jistgħu jitwettqu permezz ta' varjetà ta' metodi ta' komunikazzjoni, bħall-media, inklużi l-media soċjali, posters fit-trasport pubbliku, fuljetti fil-qrati, fl-isptarijiet, u fl-għases tal-pulizija jew applikazzjonijiet mobbli. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri itejbu l-identifikazzjoni ta' postijiet fejn il-vittmi jistgħu jilħqu u jiksbu għajnuna dwar kif jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont din id-Direttiva, pereżempju permezz ta' sinjalazzjoni jew l-istabbiliment ta' direttorji u reġistri pubbliċi, pereżempju ta' organizzazzjonijiet ta' appoġġ jew ta' avukati akkreditati. Huwa importanti li l-Istati Membri jkollhom l-għan li jiżviluppaw tali miżuri b'mod ugwali għat-tipi kollha ta' atti kriminali. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li miżuri msaħħa jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-vittmi li għalihom l-ostakli għall-komunikazzjoni huma akbar milli għal vittmi oħra, inklużi l-vittmi li huma residenti ta' Stat Membru għajr dak fejn twettaq l-att kriminali, vittmi b'diżabbiltà u vittmi tfal.

(31) Il-vittmi ma jistgħux jibbenefikaw b'mod effettiv mid-drittijiet tagħhom għall-informazzjoni, għall-appoġġ u għall-protezzjoni skont il-ħtiġijiet individwali tagħhom jekk ma jkunx hemm kooperazzjoni u koordinazzjoni suffiċjenti fis-sistemi tagħhom tal-ġustizzja nazzjonali fost dawk li jiġu f'kuntatt mal-vittmi. Mingħajr kooperazzjoni u koordinazzjoni mill-qrib fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti, bħall-awtoritajiet ċentrali f'konformità mal-istruttura interna ta', u mad-diviżjoni tal-kompetenzi, fl-Istati Membri, fl-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, fl-awtoritajiet ta' prosekuzzjoni, fl-awtoritajiet ġudizzjarji, fl-awtoritajiet ta' detenzjoni, fis-servizzi ta' ġustizzja restorattiva u fis-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi, f'konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet professjonali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rilevanti, huwa diffiċli għall-vittmi li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom b'mod effettiv skont id-Direttiva 2012/29/UE. Awtoritajiet oħrajn, bħal dawk tal-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni u s-servizzi soċjali, kif ukoll organizzazzjonijiet mhux governattivi, huma mħeġġa jkunu parti minn din il-kooperazzjoni u din il-koordinazzjoni. Dan huwa partikolarment importanti fir-rigward ta' vittmi tfal.

(32) B'reazzjoni għan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tad-Direttiva 2012/29/UE, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu u jimplimentaw protokolli jew linji gwida speċifiċi. Dawk il-protokolli jew il-linji gwida huma essenzjali biex jiġi żgurat li l-vittmi jirċievu informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom u dwar il-każ tagħhom u li l-vittmi jiġu vvalutati b'mod adegwat biex ikunu jistgħu jirċievu l-appoġġ u l-protezzjoni li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet individwali tagħhom, li jistgħu jinbidlu maż-żmien. Protokolli jew linji gwida jistgħu jkunu vinkolanti jew mhux vinkolanti u jistgħu jiġu stabbiliti b'mod li jikkorrispondi bl-aħjar mod għall-ordnijiet legali nazzjonali u għall-organizzazzjoni tal-ġustizzja fl-Istati Membri. Il-protokolli jew il-linji gwida jenħtieġ li jiġu segwiti minn dawk li huma qed jindirizzaw, meta jiġu implimentati. Dawk il-protokolli jew linji gwida jenħtieġ li jkopru l-organizzazzjoni tas-servizzi u l-azzjonijiet skont id-Direttiva 2012/29/UE, kif emendata b'din id-Direttiva, tal-awtoritajiet kompetenti u l-persuni li jiġu f'kuntatt mal-vittmi dwar l-għoti ta' informazzjoni lill-vittmi, l-iffaċilitar tar-rappurtar ta' atti kriminali għall-vittmi l-aktar vulnerabbli, inklużi dawk f'detenzjoni u f'ambjenti magħluqa, bħal f'kura istituzzjonali, u l-valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet tal-vittmi u l-kooperazzjoni bejn is-servizzi ta' appoġġ. Fir-rigward tal-għoti ta' informazzjoni lill-vittmi, huwa importanti li jiġi żgurat li tali informazzjoni tkun sempliċi u faċli biex tinftiehem, tingħata fil-ħin, tkun ripetuta maż-żmien, tingħata f'diversi formati, inkluż bil-fomm, bil-miktub u b'mod diġitali.

Fir-rigward tar-rappurtar ta' att kriminali, inkluż għal persuni mċaħħda mil-libertà jew li l-libertà tagħhom hija ristretta, il-protokolli jew il-linji gwida jenħtieġ li jkopru l-aċċess mill-vittmi għall-informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom u għall-appoġġ u l-protezzjoni skont il-ħtiġijiet tagħhom, kif ukoll il-metodi ta' rappurtar ta' atti kriminali. Il-protokolli jew il-linji gwida jenħtieġ li jipprevedu struzzjonijiet ġenerali, b'mod komprensiv mingħajr, madankollu, ma jiġu ttrattati każijiet individwali, dwar l-organizzazzjoni ta' servizzi, inklużi s-servizzi ta' appoġġ ġenerali u speċjalizzat, u ta' azzjonijiet skont id-Direttiva 2012/29/UE kif emendata b'din id-Direttiva. Il-protokolli jew il-linji gwida jistgħu jibnu fuq metodi eżistenti ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti u persuni oħra li jiġu f'kuntatt mal-vittmi fl-Istati Membri.

(33) Sabiex il-vittmi jingħataw mezzi bla xkiel u moderni biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmluha possibbli għall-vittmi li jikkomunikaw b'mod elettroniku mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni. Tali teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni jistgħu jinkludu, pereżempju, emails, live chats, telefonati bil-vidjo u portali online b'aċċess għall-informazzjoni għall-parteċipanti rreġistrati. L-Istati Membri huma liberi li jiddeċiedu liema mezzi ta' komunikazzjoni huma l-aktar adattati fir-rigward ta' dispożizzjonijiet differenti ta' din id-Direttiva. Il-vittmi jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jużaw teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni biex jikkuntattjaw il-helplines tal-vittmi, biex jirċievu konferma ta' riċevuta bil-miktub tal-ilment formali tagħhom, biex jirrappurtaw att kriminali online skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva, u biex iressqu evidenza meta fattibbli. Barra minn hekk, il-vittmi jenħtieġ li jkollhom, il-possibbiltà li jużaw teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni aċċessibbli, siguri u faċli għall-utent, fejn disponibbli, biex jikkomunikaw mal-awtoritajiet kompetenti u mas-servizzi ta' appoġġ. B'mod partikolari, għandhom ikunu jistgħu jużaw tali teknoloġiji, meta disponibbli biex jirċievu informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom mal-ewwel kuntatt mal-awtoritajiet kompetenti u biex jirċievu informazzjoni dwar il-każ tagħhom, inkluż biex jingħataw l-opportunità li jiġu nnotifikati dwar ir-rilaxx jew il-ħarba tal-awtur ta' reat minn meta jiġi detenut, u li jirċievu traduzzjoni tal-konferma ta' riċevuta bil-miktub tal-ilment formali tagħhom fuq talba.

L-informazzjoni mill-ewwel kuntatt ma' awtorità kompetenti tista' tiġi pprovduta elettronikament f'format standard. Jenħtieġ li l-vittmi jkunu jistgħu jagħżlu bejn il-metodi ta' komunikazzjoni magħmula disponibbli u, fejn applikabbli, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħtu tali teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, bħala alternattiva għall-metodu ta' komunikazzjoni bi preżenza fiżika, madankollu mingħajr ma jissostitwuh. Jenħtieġ li l-metodu ta' komunikazzjoni bi preżenza fiżika, inkluż mal-awtoritajiet kompetenti u mas-servizzi ta' appoġġ, jibqgħu disponibbli għall-vittmi, jekk dawn jixtiequ hekk. Meta s-sistemi tal-Istati Membri jeħtieġu l-użu ta' metodi ta' identifikazzjoni u ta' firma elettronika speċifiċi, dawk is-sistemi jenħtieġ li jagħtu lill-vittmi li huma residenti ta' Stati Membri oħra opportunitajiet ta' aċċess b'mod ugwali f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9].

[9] Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/910/oj).

(34) Il-vittmi ta' atti kriminali li jkunu seħħew fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru ta' residenza tagħhom jistgħu ma jkunux kapaċi jagħtu l-kunsens għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom, bħal f'sitwazzjonijiet meta l-vittma tweġġa' serjament jew f'sitwazzjonijiet immedjatament wara attakk terroristiku. F'tali każijiet, l-Istat Membru fejn ikun seħħ l-att kriminali jenħtieġ li jkun jista' jipproċessa, id-data personali tal-vittmi, inkluż biex jittrażmetti dik id-data personali lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' residenza tal-vittma, mingħajr il-kunsens tal-vittma, f'konformità mad-dritt applikabbli tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10]. Għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi, tapplika d-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11].

---

[10] Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

[11] Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2016/680/oj).

(35) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw biżżejjed riżorsi umani u finanzjarji għall-applikazzjoni effettiva tal-miżuri stabbiliti f'din id-Direttiva. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali biex jiġu stabbiliti helplines għall-vittmi, filwaqt li jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel ta' servizzi ta' appoġġ ġenerali u speċjalizzat, l-għoti ta' għajnuna legali u l-valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet tal-vittmi għall-appoġġ u għall-protezzjoni, inkluż fejn dawn is-servizzi jiġu pprovduti minn organizzazzjonijiet mhux governattivi.

(36) L-Unjoni u l-Istati Membri huma partijiet għall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà[12] (il-"Konvenzjoni tan-NU") u huma marbuta bl-obbligi stabbiliti fl-Konvenzjoni tan-NU sal-punt tal-kompetenzi rispettivi tagħhom. Skont l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni tan-NU l-Istati Parti huma obbligati li jiżguraw aċċess effettiv għall-ġustizzja għal persuni b'diżabbiltà fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor, għalhekk il-ħtieġa li tiġi żgurata l-aċċessibbiltà u li tiġi pprovduta akkomodazzjoni raġonevoli u konċessjoni proċedurali, sabiex il-vittmi b'diżabbiltajiet igawdu d-drittijiet tagħhom bħala vittmi fuq bażi ugwali ma' oħrajn. L-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni tan-NU jiddefinixxi "akkomodazzjoni raġonevoli" bħala "modifika neċessarja u adegwata u aġġustamenti li ma jimponux piż sproporzjonat jew bla bżonn, meta tkun meħtieġa f'każ partikolari, biex jiġi assigurat li l-persuni b'diżabbiltà jistgħu jgawdu jew jeżerċitaw fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha". Ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u s-servizzi stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13] jistgħu jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU u jiżguraw li d-drittijiet tal-vittmi stabbiliti fid-Direttiva 2012/29/UE jkunu aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà.

---

12 ĠU L 23, 27.1.2010, p. 37.

13 Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70*, ELI:* http://data.europa.eu/eli/dir/2019/882/oj).

L-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni tan-NU jirreferi għall-għoti ta' "konċessjoni proċedurali" bħala mezz biex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni effettiva ta' persuni b'diżabbiltà fi proċedimenti kriminali, mingħajr, madankollu, ma jipprevedi definizzjoni tal-kunċett. Linji gwida utli f'dan ir-rigward jistgħu jinstabu fil-Prinċipji u l-Linji Gwida Internazzjonali tal-2020 dwar l-Aċċess għall-Ġustizzja għal Persuni b'Diżabbiltà mill-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà. F'konformità ma' dawk il-Linji Gwida, "konċessjoni proċedurali" tfisser il-modifiki u l-aġġustamenti kollha meħtieġa u xierqa fil-kuntest tal-aċċess għall-ġustizzja, meta dawn ikunu meħtieġa f'każ partikolari, biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni ta' persuni b'diżabbiltà fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor. Dan jista' jinkludi intermedjarji jew faċilitaturi, aġġustamenti proċedurali u appoġġ għall-komunikazzjoni. Il-konċessjoni proċedurali mhijiex limitata mill-kunċett ta' piż sproporzjonat jew mhux dovut.

(37) Jenħtieġ li l-Eurojust tiżgura li tingħata kunsiderazzjoni xierqa lit-talbiet li jikkonċernaw id-drittijiet tal-vittmi f'konformità mal-mandat tagħha skont ir-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[14].

---

[14] Ir-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 138*, ELI:* http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1727/oj).

(38) Il-ġbir ta' data preċiża u koerenti, u l-pubblikazzjoni f'waqtha ta' data u statistika miġbura huma fundamentali biex jiġi żgurat għarfien sħiħ dwar id-drittijiet tal-vittmi fl-Unjoni u biex tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2012/29/UE kif emendata b'din id-Direttiva. L-introduzzjoni ta' rekwiżit għall-Istati Membri biex jiġbru u jirrappurtaw lill-Kummissjoni data diżaggregata, skont is-sess, il-grupp tal-età u, meta possibbli u rilevanti, skont ir-relazzjoni bejn il-vittma u l-awtur ta' reat u t-tip ta' reat, disponibbli f'livell ċentrali dwar il-vittmi tal-kriminalità kull tliet snin b'mod armonizzat hija mistennija li tikkostitwixxi pass rilevanti biex tiġi żgurata l-adozzjoni ta' politiki u strateġiji informati bid-data. Id-data dwar ir-relazzjoni bejn il-vittma u l-awtur ta' reat u t-tip ta' reat hija ta' għajnuna biex jiġu identifikati x-xejriet sottostanti, jittejjeb il-fehim tad-dinamika tar-riskju, u jiġu identifikati l-gruppi vulnerabbli. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali tibqa' tassisti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fil-ġbir, fil-produzzjoni u fid-disseminazzjoni tal-istatistika disponibbli dwar il-vittmi u fir-rappurtar ta' data disponibbli f'livell ċentrali li turi kif il-vittmi jkunu aċċessaw id-drittijiet stabbiliti fid-Direttiva 2012/29/UE kif emendata b'din id-Direttiva.

(39) L-Istati Membri rrikonoxxew li sabiex jiġu żgurati l-konsistenza u l-effettività tal-azzjonijiet fir-rigward tal-politika dwar id-drittijiet tal-vittmi, li hija trażversali tul ħafna oqsma ta' politika differenti, il-Kummissjoni ħatret Koordinatur għad-Drittijiet tal-Vittmi responsabbli biex jiżgura l-funzjonament bla xkiel tal-Pjattaforma tad-Drittijiet tal-Vittmi u impenjaw ruħhom li jaħdmu b'mod kostruttiv ma' dak il-Koordinatur.

(40) F'konformità mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, rimedju effettiv għandu jkun disponibbli meta jinkisru d-drittijiet skont din id-Direttiva. Barra minn hekk, il-prinċipju tal-effettività tad-dritt tal-Unjoni jirrikjedi li l-liġi proċedurali nazzjonali ma tagħmilx l-infurzar tad-drittijiet skont id-dritt tal-Unjoni impossibbli jew eċċessivament diffiċli.

(41) Din id-Direttiva tapplika għall-vittmi kollha tal-kriminalità kollha u ma taffettwax dispożizzjonijiet aktar speċifiċi f'atti legali oħra tal-Unjoni li jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi ta' kategoriji partikolari ta' vittmi, bħall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, vittmi ta' abbuż sesswali, vittmi tfal ta' sfruttament sesswali, inklużi vittmi tfal ta' materjal ta' abbuż sesswali, vittmi ta' vjolenza fuq in-nisa u vjolenza domestika u vittmi tat-terroriżmu.

(42) Minħabba li l-objettivi ta' din id-Direttiva ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba l-ħtieġa li tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali billi tiġi żgurata l-fiduċja f'aċċess ugwali għad-drittijiet tal-vittmi irrispettivament minn fejn seħħ l-att kriminali fl-Unjoni, iżda jistgħu pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tal-miżuri previsti, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-objettivi.

(43) F’konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta’ din id-Direttiva u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(44) F’konformità mal-Artikolu 3 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-TUE u mat-TFUE, l-Irlanda nnotifikat, b’ittra tas-27 ta’ Ottubru 2023, ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta’ din id-Direttiva.

(45) Għalhekk, id-Direttiva 2012/29/UE jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

*Emendi għad-Direttiva 2012/29/UE*

Id-Direttiva 2012/29/UE hija emendata kif ġej:

(1) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"*Artikolu 3a*

*Helplines għall-vittmi*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu helplines għall-vittmi li jkunu aċċessibbli, faċli għall-utent, siguri, kunfidenzjali u mingħajr ħlas. Dawk il-helplines għandhom:

(a) jipprovdu lill-vittmi l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(1);

(b) joffru appoġġ emozzjonali;

(c) jirreferu lill-vittmi għal servizzi rilevanti, inklużi servizzi ta' appoġġ ġenerali u speċjalizzat jew helplines speċjalizzati, jekk ikun meħtieġ.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-helplines imsemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jintlaħqu bit-telefon permezz ta' numru tat-telefon madwar l-Unjoni kollha għal telefonati domestiċi, jiġifieri "116 006", flimkien ma' kwalunkwe numri tat-telefon nazzjonali eżistenti. L-Istati Membri għandhom ukoll jiżguraw li tali servizzi jiġu pprovduti permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni siguri u aċċessibbli oħra, inklużi applikazzjonijiet online u siti web.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, minbarra n-numru madwar l-Unjoni kollha, il-helplines ikunu aċċessibbli permezz ta' numru ddedikat għal telefonati internazzjonali għall-vittmi li jkunu ġarrbu ħsara fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru ta' residenza tagħhom. Tali telefonati internazzjonali mhumiex meħtieġa li jkunu mingħajr ħlas.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-servizzi pprovduti mill-helplines tagħhom imsemmija fil-paragrafu 1 ikunu disponibbli bil-lingwa jew bil-lingwi uffiċjali tagħhom, kif determinat mil-liġi nazzjonali. L-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jiżguraw il-forniment ta' dawk is-servizzi mill-anqas b'lingwa waħda oħra li tinftiehem b'mod wiesa' fl-Istat Membru kkonċernat.

5. Meta s-servizzi msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) u (c), jiġu pprovduti permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk is-servizzi jkunu disponibbli b'lingwa li l-vittma tkun tista' tifhem, bħal permezz tat-teknoloġiji tat-traduzzjoni u tal-interpretazzjoni.

6. Il-helplines jistgħu jiġu stabbiliti minn organizzazzjonijiet pubbliċi jew mhux governattivi u jistgħu jiġu organizzati fuq bażi professjonali jew volontarja.

7. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-helplines jipprovdu appoġġ ta' kwalità u aċċessibbli lill-vittmi matul sigħat ta' operat adegwati tal-helplines.

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-helplines jitħaddmu minn persuni mħarrġa kif xieraq.";

(2) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"*Artikolu 5a*

*Rappurtar ta' reati kriminali*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi jkunu jistgħu jirrappurtaw reati kriminali lill-awtoritajiet kompetenti permezz ta' kanali mingħajr ħlas, aċċessibbli, faċli għall-utent, sikuri u faċilment disponibbli.

   Minbarra r-rappurtar ta' reati kriminali bi preżenza fiżika, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-reati kriminali jkunu jistgħu jiġu rrappurtati lill-awtoritajiet kompetenti permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni mingħajr ħlas, aċċessibbli, siguri u faċli għall-utent tal-anqas għal każijiet mhux urġenti u reati kriminali mhux vjolenti dment li tali rappurtar ikun fl-aħjar interessi tal-vittmi.

   Meta Stat Membru jipprevedi l-possibbiltà li jiġu rrappurtati reati kriminali permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, dik il-possibbiltà għandha, meta fattibbli, tinkludi s-sottomissjoni ta' evidenza.

   Ir-rappurtar ta' reati kriminali permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għandu jkun mingħajr preġudizzju għar-regoli proċedurali nazzjonali dwar il-formalizzazzjoni ta' tali rappurtar u tas-sottomissjoni ta' evidenza.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiffaċilitaw ir-rappurtar minn persuna fiżika jew ġuridika li tkun taf, jew li tissuspetta *in bona fide*, li jkunu seħħew reati kriminali jew li jkunu mistennija atti ta' vjolenza, lill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mar-regoli proċedurali nazzjonali.

3. Għall-fini tal-iffaċilitar tar-rappurtar minn partijiet terzi minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li x'aktarx jirċievu informazzjoni dwar reati kriminali, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u tali organizzazzjonijiet.

4. Meta persuna li ma tkunx il-vittma tirrapporta reat kriminali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jkun meħtieġ u f'konformità mal-liġi nazzjonali, l-awtoritajiet kompetenti jieħdu miżuri xierqa biex jipproteġu lill-vittma qabel ma l-awtur ta' reat jiġi infurmat li jkun ġie rrappurtat reat.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe persuna li tiġi mċaħħda mil-libertà jew li l-libertà tagħha tkun ristretta tkun tista' tirrapporta b'mod effettiv reat kriminali li jkun twettaq fil-faċilitajiet ta' detenzjoni jew ta' akkomodazzjoni li dik il-persuna ma jkollhiex permess titlaq minnhom jew li ma tkunx f'pożizzjoni li titlaq meta tixtieq jew f'postijiet fejn il-libertà ta' moviment ta' dik il-persuna tkun ristretta. Tali faċilitajiet għandhom jinkludi mill-anqas:

   (a) ħabsijiet, ċentri ta' detenzjoni u ċelel għal persuni suspettati u akkużati;

(b) faċilitajiet ta' detenzjoni u ta' akkomodazzjoni speċjalizzati għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin illegalment fl-Istat Membru kkonċernat, inkluż għall-fini tat-tħejjija tar-ritorn u t-tkeċċija tagħhom;

(c) faċilitajiet għal applikanti u benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali;

(d) kwalunkwe forma oħra ta' istituzzjoni pubblika jew privata li l-vittma ma tkunx permessa titlaq minnha jew li ma tkunx f'pożizzjoni li titlaq minnha meta tixtieq bħal ċentri ta' akkomodazzjoni speċjalizzati għall-persuni b'diżabbiltà, għat-tfal u għall-anzjani.

6. Meta t-tfal jikkuntattjaw lill-awtoritajiet kompetenti biex jirrappurtaw reati kriminali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri ta' rappurtar ikunu sikuri, jitwettqu b'mod kunfidenzjali f'konformità mal-liġi nazzjonali, ikunu mfassla u aċċessibbli b'mod u b'lingwa li huma adattati għall-età u l-maturità tagħhom.

Meta reat kriminali jinvolvi d-detentur tar-responsabbiltà parentali u jkun hemm kunflitt ta' interess bejn il-vittmi tfal u d-detentur tar-responsabbiltà parentali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kapaċità tal-vittmi tfal li jirrappurtaw ir-reat kriminali ma tkunx kundizzjonali fuq il-kunsens tad-detentur tar-responsabbiltà parentali. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipproteġu s-sikurezza tat-tfal qabel ma jinfurmaw lid-detentur tar-responsabbiltà parentali li ġie rrappurtat reat kriminali.

7. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-vittmi li huma ċittadinita' pajjiż terz, irrispettivament mill-istatus ta' residenza tagħhom, ma jiġux skoraġġuti milli jirrappurtaw reat kriminali u li jiġu ttrattati b'mod mhux diskriminatorju. L-Istati Membri għandhom b'mod partikolari jiżguraw li l-vittmi kollha, irrispettivament mill-istatus ta' residenza tagħhom, ma jiġux impediti milli jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont din id-Direttiva, inkluż id-dritt tagħhom li jinstemgħu skont l-Artikolu 10 u d-dritt li titwettaq valutazzjoni individwali skont l-Artikolu 22.

   L-Istati Membri jistgħu, f'konformità mal-liġi nazzjonali, fi kwalunkwe ħin jagħtu permess ta' residenza awtonomu jew awtorizzazzjoni oħra li toffri dritt ta' soġġorna fit-territorju lil ċittadin ta' pajjiż terz li qed jissoġġorna illegalment fit-territorju tagħhom.

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-mument li r-reati kriminali jiġi rrappurtat, il-vittmi:

   (a) ikunu infurmati bil-possibbiltà li d-data personali tagħhom tista' tiġi żvelata lill-awtur ta' reat f'konformità mal-Artikolu 21(3) sabiex l-awtur ta' reat ikun jista' jeżerċita d-dritt tad-difiża tiegħu, u

   (b) jingħataw l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar dik il-possibbiltà.";

(3) L-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(c) kwalunkwe deċiżjoni biex jiġi mixli l-awtur ta' reat;

(d) dwar id-disponibbiltà ta' miżuri ta' protezzjoni, inklużi ordnijiet ta' protezzjoni;

(e) dwar ir-rwol tal-vittma fi proċedimenti kriminali f'konformità mar-regoli nazzjonali, inkluż, meta applikabbli, dwar il-possibbiltà li ssir parti f'tali proċedimenti;

(f) dwar ir-regoli applikabbli dwar it-talba u l-ksib ta' kumpens.";

(b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi jingħataw l-opportunità li jiġu notifikati, mingħajr dewmien mhux meħtieġ, meta l-persuna miżmuma f'kustodja, mixlija jew ikkundannata għal reati kriminali li jikkonċernawhom tinħeles mid-detenzjoni, inkluż taħt superviżjoni ġudizzjarja, jew taħrab mid-detenzjoni. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi jkunu infurmati bi kwalunkwe miżura rilevanti maħruġa għall-protezzjoni tagħhom f'każ tar-rilaxx jew tal-ħarba tal-awtur ta' ksur.";

(c) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fatt li l-vittmi jkunu ġew innotifikati bid-dritt tagħhom li jirċievu informazzjoni dwar il-proċedimenti kriminali, kif ukoll it-talba tal-vittmi li jirċievu informazzjoni skont dan l-Artikolu, jiġu rreġistrati kif xieraq f'konformità mal-proċedura ta' reġistrazzjoni skont il-liġi nazzjonali.";

(4) fl-Artikolu 7, il-paragrafi 6 u 7 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"6. Minkejja l-paragrafi 1 u 3, traduzzjoni bil-fomm jew sommarju bil-fomm tad-dokumenti essenzjali jistgħu jingħataw minflok traduzzjoni bil-miktub bil-kundizzjoni li tali traduzzjoni bil-fomm jew sommarju bil-fomm ma jippreġudikawx kemm ikunu ġusti l-proċedimenti jew il-kapaċità tal-vittmi li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom, inkluż il-kapaċità li jipparteċipaw fil-proċedimenti kriminali f'konformità mar-rwol tal-vittma fihom.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti tivvaluta jekk il-vittmi jeħtiġux interpretazzjoni jew traduzzjoni kif previst skont il-paragrafi 1 u 3 ta' dan l-Artikolu. Il-vittmi jistgħu jikkontestaw deċiżjoni biex ma jiġux ipprovduti interpretazzjoni jew traduzzjoni. Ir-regoli proċedurali għal tali kontestazzjoni għandhom ikunu determinati bil-liġi nazzjonali. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10b(2) għandhom japplikaw għal deċiżjonijiet biex ma jiġux ipprovduti interpretazzjoni jew traduzzjoni meħuda matul is-smigħ tal-qorti.";

(5) L-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi jiġu kkuntattjati mingħajr dewmien żejjed mis-servizzi ta' appoġġ ġenerali jew speċjalizzat rilevanti jekk il-valutazzjoni individwali msemmija fl-Artikolu 22 tidentifika l-ħtieġa għal appoġġ u dment li l-vittma, wara li tkun ġiet infurmata dwar is-servizzi ta' appoġġ li jistgħu jiġu pprovduti, tagħti l-kunsens biex tiġi kkuntattjata mis-servizzi ta' appoġġ jew jekk il-vittma titlob appoġġ.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jistabbilixxu servizzi ta' appoġġ speċjalizzat mingħajr ħlas u kunfidenzjali flimkien ma' servizzi ġenerali ta' appoġġ għall-vittmi, jew bħala parti integrata minn tali servizzi ġenerali, jew biex l-organizzazzjonijiet ta' appoġġ għall-vittmi jkunu jistgħu jitolbu tali appoġġ speċjalizzat minn entitajiet speċjalizzati eżistenti. Il-vittmi għandu jkollhom aċċess għal tali servizzi f'konformità mal-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom u l-membri tal-familja għandu jkollhom aċċess f'konformità mal-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom u l-grad ta' ħsara li jkunu ġarrbu b'riżultat tar-reat kriminali li jkun twettaq fuq il-vittma. Meta s-servizzi ta' appoġġ speċjalizzat ma jiġux ipprovduti bħala parti integrata mis-servizzi ta' appoġġ ġenerali għall-vittmi, is-servizzi ta' appoġġ ġenerali u speċjalizzat għandhom jiġu kkoordinati.";

(b) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

“6. L-Istati Membri għandu jkollhom l-għan li jiżguraw li s-servizzi ta’ appoġġ speċjalizzat jibqgħu kompletament operazzjonali għall-vittmi fi żminijiet ta’ kriżi, bħal kriżijiet tas-saħħa, sitwazzjonijiet umanitarji jew stati oħra ta’ emerġenza.

7. Is-servizzi ta’ appoġġ għall-vittmi għandhom ikunu disponibbli u aċċessibbli faċilment inkluż online jew permezz ta’ mezzi adegwati oħra, bħal teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-distribuzzjoni ġeografika u l-kapaċità tas-servizzi ta’ appoġġ għall-vittmi msemmija f’dan l-Artikolu u fl-Artikolu 9a jkunu suffiċjenti, filwaqt li jitqiesu l-ġeografija u l-kompożizzjoni demografika tal-Istat Membru kkonċernat.”;

(6) L-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(a) informazzjoni, parir u appoġġ rilevanti għad-drittijiet tal-vittmi inkluż relatat mal-aċċess għal skemi nazzjonali ta’ kumpens għal danni ta’ reat kriminali, aċċess għal parir legali, inkluż dwar l-għajnuna legali, u relatat mar-rwol tagħhom fil-proċedimenti kriminali, inkluża fit-tħejjija għall-attendenza fil-proċess;”;

(ii) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) appoġġ emozzjonali;

(ca) appoġġ psikoloġiku jew, meta l-appoġġ psikoloġiku ma jkunx disponibbli, riferiment għal servizzi li jistgħu jipprovdu appoġġ psikoloġiku;";

(iii) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Għall-fini tal-ewwel subparagrafu, il-punt (ca), jekk tkun ġiet identifikata ħtieġa speċjali għal appoġġ psikoloġiku minn valutazzjoni individwali kif imsemmi fl-Artikolu 22, għandu jkun disponibbli appoġġ psikoloġiku addizzjonali għall-vittma li tkun teħtieġ tali appoġġ sakemm ikun meħtieġ, f'konformità mal-ħtiġijiet individwali tal-vittma u mas-sistemi nazzjonali rilevanti tal-kura tas-saħħa jew soċjali li jirregolaw l-aċċess għall-appoġġ psikoloġiku.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li s-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi jagħtu attenzjoni partikolari għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-vittmi li jkunu ġarrbu ħsara konsiderevoli minħabba s-severità tal-att kriminali.";

(c) fil-paragrafu 3, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) appoġġ immirat u integrat, kif ukoll informazzjoni dwar u, meta xieraq, riferiment għal servizzi li jipprovdu eżamijiet mediċi u forensiċi, li jistgħu jinkludu servizzi tal-kura tas-saħħa medika komprensivi, inklużi servizzi tal-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva, f'konformità mal-liġi nazzjonali, u informazzjoni dwar u, meta xieraq, riferiment għal konsulenza soċjali u psikoloġika, inkluża kura għal trawma, għal vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi, bħall-vittmi ta' vjolenza sesswali, vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, inkluż vjolenza fuq in-nisa u vjolenza domestika li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2024/1385 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, vittmi tal-kriminalità organizzata, vittmi b'diżabbiltà, vittmi tal-isfruttament, vittmi ta' reati ta' mibegħda, vittmi tat-terroriżmu, vittmi ta' tortura, vittmi ta' għajbien furzat u vittmi ta' ġenoċidju, delitti kontra l-umanità, delitti tal-gwerra jew id-delitt ta' aggressjoni kif definit fl-Artikoli 6, 7, 8 u 8bis tal-Istatut tal-Qorti Kriminali Internazzjonali.

---

* Id-Direttiva (UE) 2024/1385 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika (ĠU L, 2024/1385, 24.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1385/oj).";

(d) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

“4. L-Istati Membri għandhom jipprovdu aċċess f’waqtu għas-servizzi tal-kura tas-saħħa, inkluż għas-servizzi tal-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva għall-vittmi ta’ vjolenza sesswali, f’konformità mad-Direttiva (UE) 2024/1385 u l-liġi nazzjonali.

5. L-Istati Membri għandhom jipprovdu s-servizzi ta’ protezzjoni u ta’ appoġġ speċjalizzat meħtieġa biex jindirizzaw il-ħtiġijiet multipli tal-vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi f’konformità mal-protokolli jew mal-linji gwida msemmija fl-Artikolu 26a(1), il-punt (d).

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-servizzi ta’ appoġġ imsemmija f’dan l-Artikolu u fl-Artikolu 9a jissodisfaw l-istandards applikabbli fir-rigward tal-kwalità ta’ dawk is-servizzi. Is-servizzi pprovduti mis-servizzi ta’ appoġġ għandhom, meta xieraq, jiġu rieżaminati, u, meta meħtieġ, adattati kif xieraq. Ir-rieżamijiet ta’ dawk is-servizzi ma għandhomx ipoġġu piż żejjed fuq l-organizzazzjonijiet li jipprovdu dawk is-servizzi.”;

(7) l-artikolu li ġej jiddaħħal fil-Kapitolu II:

"*Artikolu 9a*

*Servizzi ta' appoġġ immirati u integrati għall-vittmi tfal*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw id-disponibbiltà ta' servizzi ta' appoġġ adattati għat-tfal, immirati u integrati għall-vittmi tfal li jipprovdu appoġġ u protezzjoni xierqa għall-età meħtieġa biex jindirizzaw b'mod komprensiv l-għadd kbir ta' ħtiġijiet tal-vittmi tfal, inkluż tfal li jkunu ġarrbu ħsara minħabba li jkunu raw att kriminali.

2. Is-servizzi ta' appoġġ immirati u integrati għall-vittmi tfal imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jipprevedu mekkaniżmu kkoordinat bejn diversi aġenziji li jinkludi s-servizzi li ġejjin:

(a) l-għoti ta' informazzjoni msemmi fl-Artikoli 4;

(b) eżamijiet mediċi;

(c) appoġġ emozzjonali, soċjali u psikoloġiku;

(d) għajnuna amministrattiva;

(e) ir-rappurtar ta' reati kriminali;

(f) valutazzjoni individwali msemmija fl-Artikolu 22;

(g) reġistrazzjoni bil-vidjo tal-intervisti msemmija fl-Artikolu 24(1), il-punt (a);

3. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jiżguraw il-forniment tas-servizzi msemmija fil-paragrafu 2 fl-istess bini, filwaqt li jagħtu attenzjoni partikolari lill-interessi tal-vittmi tfal, inkluża s-serjetà tal-ħsara mġarrba mill-vittmi tfal bħala riżultat ta' att kriminali.

4. Is-servizzi ta' appoġġ immirati u integrati għall-vittmi tfal imsemmija f'dan l-Artikolu jistgħu jiġu stabbiliti bħala organizzazzjonijiet pubbliċi jew mhux governattivi.";

(8) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"*Artikolu 10a*
*Dritt għal għajnuna fil-bini tal-qorti*

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-vittmi jirċievu appoġġ emozzjonali u informazzjoni prattika dwar l-aspetti organizzattivi tal-proċedimenti kriminali tal-qorti, fil-bini tal-qorti u f'konformità mal-ħtiġijiet individwali tagħhom.

*Artikolu 10b*

*Dritt għall-informazzjoni dwar deċiżjonijiet*

*meħuda matul il-proċedimenti tal-qorti u d-dritt għal rieżami*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi, f'konformità mal-istatus tagħhom fil-proċedimenti kriminali skont il-liġi nazzjonali, jiġu infurmati mingħajr dewmien bid-deċiżjonijiet fir-rigward tad-dritt tagħhom għall-interpretazzjoni u t-traduzzjoni matul is-smigħ tal-qorti skont l-Artikolu 7(1) u (3) u bid-deċiżjonijiet fir-rigward tal-miżuri skont l-Artikolu 23(3), meħuda fi proċedimenti tal-qorti, li jaffettwawhom direttament.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi, f'konformità mal-istatus tagħhom fi proċedimenti kriminali skont il-liġi nazzjonali, ikollhom id-dritt li jitolbu rieżami, f'konformità mal-liġi nazzjonali, mill-anqas, ta' kwalunkwe deċiżjoni meħuda matul is-smigħ tal-qorti fir-rigward:

   (a) tad-dritt tagħhom għall-interpretazzjoni jew għat-traduzzjoni skont l-Artikolu 7(1) u (3);

   (b) tad-dritt tagħhom li jinstemgħu skont l-Artikolu 10; u

   (c) tad-dritt tagħhom għall-għajnuna legali skont l-Artikolu 13.

   L-Istati Membri jistgħu jipprevedu l-possibbiltà li l-vittmi jitolbu r-rieżami tad-deċiżjonijiet meħuda skont l-Artikolu 18 u l-Artikolu 23(3).

Ir-regoli proċedurali għar-rieżami tad-deċiżjonijiet skont dan il-paragrafu, inkluż jekk tali rieżami għandux effett sospensiv, għandhom jiġu ddeterminati mil-liġi nazzjonali. Kwalunkwe konsiderazzjoni ta' tali rieżami ma għandhiex ittawwal il-proċedimenti kriminali b'mod mhux raġonevoli. Dak ir-rieżami jista' jitwettaq fl-istess istanza u mill-istess awtorità, inkluż bil-fomm matul il-proċedimenti tal-qorti.";

(9) L-Artikolu 13 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 13
Dritt għall-għajnuna legali

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi li jkollhom id-dritt li jkunu partijiet għal proċedimenti kriminali u li ma jkollhomx mezzi suffiċjenti biex iħallsu għall-għajnuna ta' avukat matul il-proċedimenti kriminali jkollhom aċċess għal għajnuna legali, inkluż, meta applikabbli, għall-fini li jitolbu kumpens.

L-Istati Membri jistgħu japplikaw test tal-mezzi, test tal-mertu jew it-tnejn li huma biex jiddeterminaw jekk għandhiex tingħata għajnuna legali.

Meta Stat Membru japplika test tal-mezzi, għandu jqis il-fatturi rilevanti u oġġettivi kollha, bħall-introjtu, il-kapital u s-sitwazzjoni tal-familja tal-persuna kkonċernata, il-kostijiet tal-għajnuna ta' avukat u l-istandard tal-għajxien f'dak l-Istat Membru kif ukoll id-dipendenza tal-vittma fuq l-awtur ta' reat.

Meta Stat Membru japplika test tal-mertu, għandu jqis is-serjetà tar-reat kriminali, il-kumplessità tal-każ u s-serjetà tal-ħsara mġarrba mill-vittma.

Ir-regoli proċedurali li jirregolaw l-aċċess tal-vittmi għall-għajnuna legali għandhom jiġu determinati mil-liġi nazzjonali.

2. Minkejja l-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li ċerti kategoriji ta' vittmi, kif definit skont il-liġi nazzjonali, bħal vittmi tfal jew vittmi b'diżabbiltà, li għandhom id-dritt li jsiru partijiet għal proċedimenti kriminali u li ma għandhomx mezzi suffiċjenti jkunu intitolati għall-għajnuna legali.";

(10) fl-Artikolu 16, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandu jkollhom fis-seħħ miżuri ta' eżekuzzjoni jew infurzar li jkollhom l-għan li jiffaċilitaw il-ħlas mill-awtur ta' reat, mingħajr dewmien żejjed, tal-kumpens mogħti lill-vittma.

3. Meta jkun ingħata kumpens lil vittma ta' att kriminali vjolenti intenzjonat, iżda l-awtur ta' reat ma jkunx ħallas dak il-kumpens mogħti lill-vittma fi żmien raġonevoli u l-miżuri msemmija fil-paragrafu 2 ma jkunux irnexxew fi żmien raġonevoli, l-Istati Membri jistgħu javvanzaw il-kumpens mogħti sħiħ jew parzjali, lil dik il-vittma f'konformità mal-liġi nazzjonali. Tali ħlas ma għandux jeħles lill-awtur ta' reat mill-obbligu tiegħu li jħallas il-kumpens mogħti u l-Istati Membri għandu jkollhom id-dritt li jirkupraw dak il-ħlas mill-awtur ta' reat.";

(11) L-Artikolu 17 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jieħdu miżuri xierqa biex jimminimizzaw id-diffikultajiet li jiffaċċjaw meta l-vittma tkun residenti fi Stat Membru differenti minn dak fejn ikun twettaq ir-reat kriminali, partikolarment fir-rigward tal-organizzazzjoni tal-proċedimenti. Għal dak il-fini, l-awtoritajiet tal-Istat Membru fejn ikun twettaq ir-reat kriminali għandhom ikunu f'pożizzjoni li:

(a) jieħdu dikjarazzjoni mingħand il-vittma immedjatament wara li jsir l-ilment dwar ir-reat kriminali lill-awtorità kompetenti;

(b) jisimgħu lill-vittmi li huma residenti fi Stat Membru ieħor permezz ta' vidjokonferenza jew trażmissjoni awdjoviżiva oħra f'konformità mal-Konvenzjoni stabbilita mill-Kunsill f'konformita mal-Artikolu 34 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea[*], iffirmata fid-29 ta' Mejju 2000, u mad-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[**];

(c) jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni fil-proċedimenti kriminali tal-vittmi li huma residenti fi Stat Membru ieħor permezz ta' vidjokonferenza jew teknoloġija oħra ta' komunikazzjoni mill-bogħod, sa fejn ikun possibbli skont id-dritt tal-Unjoni u l-liġi nazzjonali u f'konformità mar-rwol tal-vittma fil-proċedimenti kriminali.

---

* ĠU C 197, 12.7.2000, p. 3.

** Id-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali (ĠU L 130, 1.5.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/41/oj).";

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jitolbu assistenza mill-Eurojust f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[*] u min-Network Ġudizzjarju Ewropew stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/976/ĠAI[**], u jkunu jistgħu jittrażmettu lill-Eurojust u lin-Network Ġudizzjarju Ewropew informazzjoni għall-fini li tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra f'każijiet transfruntiera, f'konformità mal-mandati tal-Eurojust u tan-Network Ġudizzjarju Ewropew.

---

[*] Ir-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 138, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1727/oj).

[**] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/976/ĠAI tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar in-Network Ġudizzjarju Ewropew (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 130, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2008/976/oj).";

(12) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 18a

Dritt addizzjonali għal protezzjoni

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jista' jingħata aċċess għal miżuri ta' appoġġ u protezzjoni skont din id-Direttiva lill-vittmi li jkunu ġarrbu ħsara addizzjonali, bħaċ-ċaħda tad-dinjità, li tirriżulta mill-glorifikazzjoni ta' reati kriminali serji kif definit skont il-liġi nazzjonali, bħall-provokazzjoni pubblika biex jitwettaq reat terroristiku kif definit fl-Artikolu 5 tad-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, jew mill-għoti ta' ġieħ lill-awturi ta' reat.

---

* Id-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI (ĠU L 88, 31.3.2017, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2017/541/oj).";

(13) L-Artikolu 19 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 19
Dritt li jiġi evitat kuntatt mal-awtur ta' reat

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu il-kundizzjonijiet meħtieġa biex jippermettu, meta meħtieġ, li jiġi evitat kuntatt bejn il-vittmi u l-membri tal-familja tagħhom, u l-awtur ta' reat fil-binjiet fejn jitwettqu l-proċedimenti kriminali, ex officio jew fuq talba tal-vittma, sakemm il-proċedimenti kriminali ma jkunux jeħtieġu tali kuntatt.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li binjiet ġodda tal-qorti jkollhom żoni ta' stennija separati għall-vittmi. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-possibbiltà u l-fattibbiltà li jinħolqu żoni ta' stennija separati għall-vittmi f'binjiet eżistenti tal-qorti.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta meħtieġ, il-vittmi jiġu infurmati dwar il-miżuri li huma disponibbli biex jiġi evitat kuntatt mal-awtur ta' reat.";

(14) L-Artikolu 21 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Dritt għall-protezzjoni tal-privatezza u l-projbizzjoni tal-iżvelar ta' data personali*";

(b) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data personali dwar il-post ta' residenza tal-vittma jew dettalji ta' kuntatt ekwivalenti oħra, bħan-numru tat-telefon u l-indirizz tal-posta elettronika tal-vittma ma jingħatawx lill-awtur ta' reat, sakemm l-iżvelar ma jkunx meħtieġ għall-finijiet tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* jew meta l-awtoritajiet kompetenti, fuq talba jew ex officio, wara valutazzjoni każ b'każ, ikunu stabbilew li hemm interess leġittimu fl-iżvelar li jisboq id-dritt tal-vittma għall-protezzjoni tad-data personali.

4. Il-paragrafu 3 għandu japplika għall-proċedimenti kriminali mibdija wara ... [tliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja]).

---

* Id-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali (ĠU L 142, 1.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2012/13/oj).";

(15) L-Artikolu 22 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Valutazzjoni individwali tal-vittmi biex jiġu identifikati ħtiġijiet speċifiċi ta' appoġġ u ta' protezzjoni*";

(b) il-paragrafi 1, 2, 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li valutazzjoni individwali tal-vittmi ssir f'waqtha (il-"valutazzjoni individwali") biex jiġu identifikati matul il-proċedimenti ħtiġijiet speċifiċi ta' appoġġ u ta' protezzjoni u biex jiġi ddeterminat jekk u sa liema punt il-vittma tibbenefika minn appoġġ psikoloġiku addizzjonali skont l-Artikolu 9(1), il-punt (ca), minn servizzi pprovduti skont l-Artikolu 9a jew minn miżuri speċjali skont l-Artikolu 18, 18a, 23 jew 24, minħabba l-vulnerabbiltà partikolari ta' dik il-vittma għal vittimizzazzjoni sekondarja u ripetuta, intimidazzjoni jew ritaljazzjoni.

L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-organizzazzjoni prattika tal-valutazzjoni individwali tal-vittmi.

1a. Il-valutazzjoni individwali għandha tinbeda fl-aktar stadju bikri possibbli, bħal fl-ewwel kuntatt tal-vittma mal-awtoritajiet kompetenti u għandha ddum kemm ikun meħtieġ, skont il-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull vittma. Fejn ir-riżultat tal-istadju inizjali tal-valutazzjoni individwali mill-awtoritajiet tal-ewwel kuntatt juri li hemm ħtieġa ta' valutazzjoni msaħħa, tali valutazzjoni għandha titwettaq, meta xieraq, f'kollaborazzjoni jew f'koordinazzjoni mal-istituzzjonijiet u l-korpi rilevanti, kif ukoll mas-servizzi ta' appoġġ ġenerali u speċjalizzat, inkluż permezz ta' riferimenti għal tali servizzi, skont il-ħtiġijiet individwali tal-vittma u l-istadju tal-proċedura.

Il-valutazzjoni individwali għandha titwettaq minn persuni mħarrġa kif xieraq, fl-aħjar interessi tal-vittma, u filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari li tiġi evitata vittimizzazzjoni sekondarja jew ripetuta.

L-awtoritajiet, l-istituzzjonijiet, il-korpi u s-servizzi ta' appoġġ kompetenti għandhom jirrispondu għall-ħtiġijiet tal-vittmi għall-appoġġ u l-protezzjoni mingħajr dewmien żejjed u b'mod koordinat.";

2. Il-valutazzjoni individwali għandha tqis:

(a) il-karatteristiċi personali tal-vittma, inklużi esperjenzi rilevanti ta' diskriminazzjoni, inkluża d-diskriminazzjoni abbażi ta' raġunijiet intersezzjonali, bħall-ġeneru, inkluż l-identità tal-ġeneru, l-età, id-diżabbiltà, l-istatus ta' residenza, ir-reliġjon jew it-twemmin, il-lingwa, l-oriġini razzjali, soċjali jew etnika, u l-orjentazzjoni sesswali;

(b) it-tip jew in-natura tal-att kriminali;

(c) iċ-ċirkostanzi tal-att kriminali;

(d) ir-relazzjoni tal-vittma mal-awtur ta' ksur u r-riskji li jippreżenta l-awtur ta' reat.

3. Fil-kuntest tal-valutazzjoni individwali, għandha tingħata attenzjoni partikolari:

(a) lill-vittmi li ġarrbu ħsara konsiderevoli minħabba s-severità jew ir-ripetizzjoni tal-att kriminali;

(b) lill-vittmi li jkunu ġarrbu att kriminali mwettaq b'raġuni ta' preġudizzju jew diskriminatorja li, b'mod partikolari, jista' jkun relatat mal-karatteristiċi personali tagħhom;

(c) lill-vittmi li r-relazzjoni u d-dipendenza tagħhom fuq l-awtur ta' reat jagħmluhom partikolarment vulnerabbli.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-vittmi tat-terroriżmu, il-vittmi tal-kriminalità organizzata, il-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, il-vittmi tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru, inkluż tal-vjolenza fuq in-nisa u tal-vjolenza domestika, il-vittmi tal-vjolenza sesswali, inkluż l-abbuż sesswali tat-tfal, il-vittmi tal-isfruttament, il-vittmi ta' reati ta' mibegħda, il-vittmi ta' tortura, il-vittmi ta' għajbien furzat, il-vittmi b'diżabbiltà u l-vittmi ta' ġenoċidju, delitti kontra l-umanità, delitti tal-gwerra jew d-delitt ta' aggressjoni kif definit fl-Artikoli 6, 7, 8 u 8bis tal-Istatut tal-Qorti Kriminali Internazzjonali għandhom jitqiesu kif xieraq. Għandha tingħata attenzjoni partikolari, meta applikabbli, lill-vittmi ta' forom online ta' dawk l-atti kriminali u lill-vittmi li jaqgħu taħt aktar minn waħda minn dawk il-kategoriji.

Meta jkun rilevanti u xieraq, il-valutazzjoni individwali għandha tqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-membri tal-familja tal-vittma.

3a. Fil-kuntest tal-valutazzjoni individwali, għandha tingħata attenzjoni partikolari lir-riskju li jirriżulta mill-awtur ta' reat imsemmi fil-paragrafu 2, il-punt (d), bħal:

(a) ir-riskju ta' mġiba vjolenti;

(b) ir-riskju ta' offiża fuq il-persuna;

(c) ir-riskju tal-użu ta' armi;

(d) rabtiet ma' grupp ta' kriminalità organizzata jew l-involviment fih;

(e) abbuż tad-droga jew tal-alkoħol;

(f) abbuż tat-tfal;

(g) kwistjonijiet ta' saħħa mentali;

(h) l-imġiba ta' stalking; jew

(i) l-espressjoni tat-theddid jew diskors ta' mibegħda.

4. Għall-fini ta' din id-Direttiva, il-vittmi tfal għandhom ikunu preżunti li għandhom ħtiġijiet speċifiċi ta' appoġġ u ta' protezzjoni minħabba l-vulnerabbiltà tagħhom għall-vittimizzazzjoni sekondarja u ripetuta, għall-intimidazzjoni u għar-ritaljazzjoni. Biex jiġi ddeterminat jekk u sa liema punt huma jibbenefikaw minn miżuri speċjali kif previsti skont l-Artikoli 18, 18a, 23 u 24, il-vittmi tfal għandhom ikunu soġġetti għall-valutazzjoni individwali. Il-valutazzjoni individwali tal-vittmi tfal għandha tiġi organizzata fil-qafas ta' servizzi ta' appoġġ immirati u integrati msemmija fl-Artikolu 9a u għandha tqis kwalunkwe ħtieġa speċifika li l-vittmi tfal mingħajr kura ta' ġenitur jista' jkollhom b'riżultat ta' att kriminali.";

(c) il-paragrafi 6 u 7 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"6. Il-valutazzjonijiet individwali għandhom jitwettqu bl-involviment mill-qrib tal-vittma u għandhom iqisu x-xewqat tal-vittma inkluż meta dawn ma jkunux jixtiequ jibbenefikaw minn miżuri speċjali kif previst fl-Artikoli 8, 9, 9a, 23 u 24.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-valutazzjoni individwali tiġi rieżaminata skont il-ħtiġijiet individwali tal-vittma u li, meta rilevanti, jittieħdu miżuri ġodda jew jiġu adattati miżuri li jkunu għaddejjin bl-għan li jirriflettu l-ħtiġijiet individwali tal-vittma biex jiġi żgurat li l-miżuri ta' appoġġ u protezzjoni jkunu relatati mas-sitwazzjoni li tinbidel tal-vittma. Jekk l-elementi li jifformaw il-bażi tal-valutazzjoni individwali ikunu nbidlu b'mod sinifikanti, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li din tkun aġġornata matul il-proċedimenti kriminali.";

(16) l-Artikolu 23 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tad-difiża u f’konformità mar-regoli tad-diskrezzjoni ġudizzjarja, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi ta’ protezzjoni li jibbenefikaw minn miżuri speċjali identifikati bħala riżultat tal-valutazzjoni individwali, jistgħu jibbenefikaw mill-miżuri previsti fil-paragrafi 2, 3 u 4 ta’ dan l-Artikolu. Meta restrizzjonijiet operazzjonali jew prattiċi jagħmluha impossibbli li tiġi pprovduta miżura speċjali prevista wara l-valutazzjoni individwali, jew meta jkun hemm ħtieġa urġenti li tiġi intervistata l-vittma u n-nuqqas li jsir dan jista’ jagħmel ħsara lill-vittma jew lil persuna oħra jew jista’ jippreġudika l-kors tal-proċedimenti, l-Istati Membri jistgħu, bħala eċċezzjoni, jiddeċiedu li ma jipprovdux il-miżura speċjali prevista.”;

(b) fil-paragrafu 2, il-punt (d) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(d) l-intervisti kollha mal-vittmi tal-vjolenza sesswali jew tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru, inkluż tal-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika li jaqgħu fil-kamp tal-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2024/1385, sakemm ma jsirux minn prosekutur jew imħallef, isiru minn persuna tal-istess sess bħall-vittma, jekk il-vittma tkun tixtieq hekk, dment li l-kors tal-proċedimenti kriminali ma jiġix ippreġudikat.”;

(c) fil-paragrafu 3, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) miżuri biex jiġu evitati mistoqsijiet mhux meħtieġa dwar il-ħajja privata tal-vittma mhux marbuta mar-reat kriminali, inklużi l-orjentazzjoni sesswali, il-ġeneru, inkluża l-identità tal-ġeneru, jew l-imġiba sesswali passata tal-vittma; u";

(d) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jingħataw is-setgħa li jieħdu miżuri xierqa matul il-proċedimenti kriminali u sakemm ikun meħtieġ biex jipprovdu protezzjoni fiżika lill-vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi ta' protezzjoni kif identifikati f'konformità mal-Artikolu 22, inkluż il-miżuri li ġejjin:

(a) il-preżenza kontinwa jew temporanja ta' awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jew korpi oħra li jipprovdu protezzjoni fiżika f'konformità mal-liġi nazzjonali;

(b) l-ordnijiet ta' projbizzjoni, ta' trażżin jew ta' protezzjoni biex tingħata protezzjoni lill-vittmi kontra kwalunkwe att ta' vjolenza, f'konformità mal-liġi nazzjonali;

(c) l-aċċess għal kenn u akkomodazzjoni interim xierqa oħra, f'konformità mal-liġi nazzjonali.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta rilevanti għas-sikurezza tal-vittma, l-awtoritajiet kompetenti jinfurmaw lill-vittma dwar il-possibbiltà li tapplika għal ordnijiet ta' projbizzjoni, ta' trażżin jew ta' protezzjoni u l-possibbiltà li tfittex ir-rikonoxximent transfruntier tal-ordnijiet ta' protezzjoni f'konformità mad-Direttiva 2011/99/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[*] jew miżuri ta' protezzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 606/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[**].

---

* Id-Direttiva 2011/99/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-ordni Ewropea ta' protezzjoni (ĠU L 338, 21.12.2011, p. 2, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2011/99/oj).

** Ir-Regolament (UE) Nru 606/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' protezzjoni f'materji ċivili (ĠU L 181, 29.6.2013, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/606/oj).";

(17) l-Artikolu 24 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, jiżdied il-punt li ġej:

"(d) id-dritt tat-tfal li jinstemgħu u l-aħjar interessi tagħhom jiġu żgurati fl-investigazzjonijiet u l-proċedimenti kriminali, f'konformità mal-Artikolu 10.";

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. Meta r-reat jinvolvi lid-detentur tar-responsabbiltà parentali b'mod li jinkludi kunflitt ta' interess bejn il-vittmi tfal u d-detentur tar-responsabbiltà parentali, l-Istati Membri għandhom iqisu l-aħjar interessi tat-tfal u jiżguraw li kwalunkwe att li jirrikjedi l-kunsens skont il-liġi nazzjonali ma jkunx kundizzjonali fuq il-kunsens tad-detentur tar-responsabbiltà parentali. ";

(18) L-Artikolu 25 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 25*
*Taħriġ tal-prattikanti*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li uffiċjali li x'aktarx ikollhom kuntatt mal-vittmi, bħall-uffiċjali tal-pulizija u l-persunal tal-qorti, jirċievu kemm taħriġ ġenerali kif ukoll speċjalizzat għal livell adatt għall-kuntatt tagħhom mal-vittmi biex isiru aktar konxji tal-ħtiġijiet tal-vittmi, biex ikunu jistgħu jittrattaw mal-vittmi b'mod imparzjali, rispettuż, mhux diskriminatorju u professjonali u, meta jkun rilevanti, b'mod sensittiv għat-trawma, sensittiv għall-ġeneru, sensittiv għad-diżabbiltà u sensittiv għat-tfal u biex tiġi evitata l-vittimizzazzjoni sekondarja. Għandu jiġi pprovdut ukoll taħriġ fir-rigward tal-vittmi taċ-ċiberkriminalità.

2. Mingħajr preġudizzju għall-indipendenza ġudizzjarja u d-differenzi fl-organizzazzjoni tal-ġudikatura madwar l-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li kemm it-taħriġ ġenerali kif ukoll dak speċjalizzat jiġu pprovduti għall-imħallfin u l-prosekuturi involuti f'investigazzjonijiet kriminali u fi proċedimenti kriminali fir-rigward tal-objettivi ta' din id-Direttiva u xierqa għall-funzjonijiet ta' dawk l-imħallfin u l-prosekuturi. Tali taħriġ għandu jkun ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem, iċċentrat fuq il-vittmi u sensittiv għall-ġeneru, għad-diżabbiltà u għat-tfal.

3. Mingħajr preġudizzju għall-indipendenza tal-professjoni legali, l-Istati Membri għandhom jirrakkomandaw li dawk responsabbli għat-taħriġ tal-avukati jagħmlu disponibbli kemm taħriġ ġenerali kif ukoll speċjalizzat biex jiżdied l-għarfien tal-avukati dwar il-ħtiġijiet tal-vittmi u biex jippermettilhom jittrattaw lill-vittmi b'mod sensittiv għat-trawma, għall-ġeneru, għad-diżabbiltà u għat-tfal.

4. Permezz tas-servizzi pubbliċi tagħhom jew billi jiffinanzjaw l-organizzazzjonijiet ta' appoġġ għall-vittmi, l-Istati Membri għandhom iħeġġu inizjattivi li jagħmluha possibbli għal dawk li jipprovdu servizzi ta' appoġġ għall-vittmi u servizzi ta' ġustizzja restorattiva li jirċievu taħriġ adegwat għal livell adatt għall-kuntatt tagħhom mal-vittmi u jirrispettaw standards professjonali biex jiġi żgurat li tali servizzi jiġu pprovduti b'mod imparzjali, rispettuż, mhux diskriminatorju, sensittiv għat-tfal u professjonali.

5. F’konformità mad-dmirijiet involuti, u n-natura u l-livell ta’ kuntatt li l-prattikant, inklużi l-professjonisti rilevanti tas-saħħa, ikollu mal-vittmi, it-taħriġ għandu jkollu l-għan li jippermetti lill-prattikant li jirrikonoxxi l-vittmi u jitrattahom b’mod rispettuż, professjonali u mhux diskriminatorju.

6. It-taħriġ imsemmi f’dan l-Artikolu għandu jqis il-protokolli jew il-linji gwida msemmija fl-Artikolu 26a(1).

7. It-taħriġ imsemmi f’dan l-Artikolu, li huwa taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri, għandu jitwettaq regolarment. Kull Stat Membru għandu jieħu miżuri biex jappoġġa lill-korpi u lill-organizzazzjonijiet responsabbli għal tali taħriġ bl-għan li jiżviluppaw, iwasslu u jiżguraw il-kisba ta’ tali taħriġ kif ukoll il-kwalità u d-disponibbiltà tiegħu fit-territorju kollu ta’ dak l-Istat Membru.”;

(19) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 25a*

*Sensibilizzazzjoni u komunikazzjoni dwar id-drittijiet tal-vittmi*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu azzjoni xierqa, inkluż permezz tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-kommunikazzjoni, biex issir sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet stabbiliti f'din id-Direttiva, jitnaqqas ir-riskju tal-vittimizzazzjoni, u jiġi minimizzat l-impatt negattiv tal-kriminalità u r-riskji ta' vittimizzazzjoni sekondarja u ripetuta, ta' intimidazzjoni u ta' ritaljazzjoni, b'mod partikolari billi jkunu fil-mira gruppi f'riskju bħat-tfal u l-vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru. Tali azzjoni tista' tinkludi kampanji ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni u programmi ta' riċerka u edukazzjoni, meta xieraq f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati oħra, kif ukoll miżuri biex issir aktar sensibilizzazzjoni tal-vittmi dwar fejn jiksbu l-għajnuna u kif jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom, inkluż billi jsiru disponibbli reġistri pubbliċi ta' organizzazzjonijiet ta' appoġġ akkreditati.

2. L-Istati Membri għandhom jagħtu l-informazzjoni lill-pubbliku dwar ir-rappurtar ta' att kriminali, id-drittijiet tal-vittmi, is-servizzi ta' appoġġ ġenerali u speċjalizzat disponibbli għall-vittmi, il-funzjonament tas-sistema tal-ġustizzja kif ukoll il-proċeduri u l-proċessi ta' applikazzjoni rilevanti. Tali informazzjoni għandha tkun tista' tiġi aċċessata b'mod faċli, tkun faċli għall-utent, ipprovduta b'lingwaġġ sempliċi u faċilment disponibbli, bħal fuq sit web.

   L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kontenut tal-informazzjoni pprovduta lill-pubbliku jkun żviluppat, meta rilevanti, f'kollaborazzjoni mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, ma jkunx kontradittorju u jkun aġġornat b'mod regolari biex tiġi żgurata l-akkuratezza.";

(20) fl-Artikolu 26, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikunu jistgħu jipproċessaw id-data personali tal-vittmi, inkluż li jittrażmettu dik id-data personali lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' residenza tal-vittma, meta l-vittma tagħti l-kunsens tagħha, jew meta l-vittma ma tkunx tista' tagħti l-kunsens, mingħajr tali kunsens, f'konformità mad-dritt applikabbli tal-Unjoni.";

(21) l-artikoli li ġejjin jiddaħħlu fil-Kapitolu 5:

"*Artikolu 26a*
*Protokolli jew linji gwida għal koordinazzjoni u kooperazzjoni fl-Istati Membri*

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jimplimentaw protokolli jew linji gwida speċifiċi, ta' natura vinkolanti jew mhux vinkolanti skont il-liġi nazzjonali, dwar l-organizzazzjoni ta' servizzi u azzjonijiet taħt din id-Direttiva tal-awtoritajiet kompetenti u l-persuni li jiġu f'kuntatt mal-vittmi. Il-protokolli jew il-linji gwida għandhom jitfasslu f'koordinazzjoni u f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, bħall-awtoritajiet ċentrali, f'konformità mal-istruttura interna ta', u mad-diviżjoni tal-kompetenzi, fl-Istati Membri, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, l-awtoritajiet ta' prosekuzzjoni, l-awtoritajiet ġudizzjarji, l-awtoritajiet ta' detenzjoni, is-servizzi ta' ġustizzja restorattiva u s-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi, f'konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet professjonali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rilevanti, bil-ħsieb li jirrispondu għall-ħtiġijiet tal-vittmi.

Il-protokolli jew il-linji gwida għandhom, bħala minimu, jipprovdu struzzjonijiet ġenerali dwar kif:

(a) il-vittmi jingħataw l-informazzjoni kollha meħtieġa adattata għall-ħtiġijiet tagħhom f'konformità ma' din id-Direttiva;

(b) l-Artikolu 5a ta' din id-Direttiva għandu jiġi applikat mill-awtoritajiet kompetenti;

(c) il-valutazzjoni individwali kif imsemmi fl-Artikolu 22, u l-għoti ta' servizzi ta' appoġġ għall-vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi jitwettqu, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet individwali tal-vittmi fi stadji differenti tal-proċedimenti kriminali;

(d) titwettaq kooperazzjoni bejn is-servizzi ta' appoġġ ġenerali u speċjalizzat, inklużi s-servizzi ta' appoġġ immirati u integrati għall-vittmi tfal kif imsemmi fl-Artikolu 9a.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-protokolli jew il-linji gwida msemmija fil-paragrafu 1 jiġu rieżaminati meta meħtieġ biex tiġi żgurata l-effettività tagħhom, bħal f'każ ta' bidliet sinifikanti fil-liġi nazzjonali.

*Artikolu 26b*

*Użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom previsti fl-Artikolu 3a, l-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 5a(1), sa fejn dan jikkonċerna r-rappurtar online, permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom previsti fl-Artikolu 4(1), l-Artikolu 5(3), l-Artikolu 5a(6), l-Artikolu 6(1), (2), (4), (5) u (6), u l-Artikolu 10b permezz, meta disponibbli, ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-kommunikazzjoni f'konformità mal-liġi nazzjonali.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi ma jiġux impediti, abbażi li jkunu residenti ta' Stat Membru ieħor, milli jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom imsemmija fil-paragrafu 1 permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni.

   L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi ma jiġux impediti, abbażi li jkunu residenti ta' Stat Membru ieħor, milli jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom imsemmija fil-paragrafu 2 permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni fejn tali teknoloġiji huma disponibbli fl-Istati Membri.

4. Meta s-sistemi nazzjonali li joffru teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni jirrikjedu l-użu ta' identifikazzjoni, firem u siġilli elettroniċi, l-Istati Membri għandhom jippermettu l-użu tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali, ta' skemi ta' identifikazzjoni elettronika nnotifikati, firem elettroniċi kkwalifikati u siġilli elettroniċi kkwalifikati ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor kif previst fir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

*Artikolu 26c*

*Drittijiet ta' vittmi b'diżabbiltà*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi b'diżabbiltà jibbenefikaw, fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor, mit-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 26b ta' din id-Direttiva billi jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi b'diżabbiltà jkunu jistgħu jaċċessaw, fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor, kwalunkwe proċedura, servizz ta' appoġġ u miżura ta' protezzjoni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva f'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu pprovduti akkomodazzjoni raġonevoli u konċessjoni proċedurali għall-vittmi b'diżabbiltà fuq talba.

---

* Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/910/oj).

** Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2019/882/oj).";

(22) L-Artikolu 28 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 28*

*Għoti ta' data u statistika*

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxi sistema għall-ġbir, għall-produzzjoni u għad-disseminazzjoni tal-istatistika dwar il-vittmi.

L-istatistika għandha, bħala minimu, tinkludi d-data li ġejja, disponibbli fil-livell ċentrali, diżaggregata skont is-sess u l-grupp ta' età (tfal/adulti) tal-vittma u, meta possibbli u rilevanti, ir-relazzjoni bejn il-vittma u l-awtur ta' reat u t-tip ta' reat:

(a) l-għadd ta' vittmi;

(b) l-għadd u t-tip ta' atti kriminali rrappurtati.

L-istatistika għandha tinkludi wkoll data disponibbli fil-livell ċentrali li turi kif il-vittmi jkunu aċċessaw id-drittijiet stabbiliti f'din id-Direttiva. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, l-Istati Membri jistgħu jużaw data miġbura abbażi ta' atti rilevanti tal-Unjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jiġbru l-istatistika msemmija f'dan l-Artikolu abbażi ta' diżaggregazzjoni komuni żviluppata f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni (Eurostat) u f'konformità mal-istandards żviluppati minnha, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali. Huma għandhom jittrażmettu din id-data lill-Kummissjoni (Eurostat) kull tliet snin. Id-data trażmessa ma għandux ikun fiha data personali.

3. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għandha tappoġġja lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fil-ġbir, fil-produzzjoni u fid-disseminazzjoni tal-istatistika disponibbli dwar il-vittmi tal-kriminalità u fir-rappurtar ta' data disponibbli li turi kif il-vittmi jkunu aċċessaw id-drittijiet stabbiliti f'din id-Direttiva.

4. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tappoġġja lill-Istati Membri fil-ġbir tad-data msemmi fil-paragrafu 1, inkluż billi tistabbilixxi standards komuni.

5. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-istatistika miġbura disponibbli għall-pubbliku b'mod aċċessibbli u faċli għall-utent. L-istatistika ma għandux ikun fiha data personali.";

(23) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 28b*
*Riżorsi*

Mingħajr preġudizzju għall-awtonomija baġitarja tal-Istati Membri, l-Istati Membri għandhom jiżguraw biżżejjed riżorsi umani u finanzjarji għall-applikazzjoni effettiva tal-miżuri stabbiliti f'din id-Direttiva.";

(24) L-Artikolu 29 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 29*
*Rappurtar mill-Kummissjoni u rieżami*

Sa ... [sitt snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja], il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Ir-rapport għandu jivvaluta l-punt sa fejn l-Istati Membri jkunu ħadu l-miżuri meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva, inkluża l-implimentazzjoni teknika, u b'mod partikolari l-mod kif l-Istati Membri jimplimentaw l-Artikolu 9a(3). Fir-rapport tagħha, il-Kummissjoni għandha tqis is-sejbiet tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u tal-Eurostat.

Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, jekk ikun meħtieġ, minn proposta leġiżlattiva.";

*Artikolu 2*

*Traspożizzjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa ... [sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja] bl-eċċezzjoni tal-miżuri meħtieġa għall-konformità mal-Artikolu 1, il-punt (21), ta' din id-Direttiva, li jikkonċernaw biss l-Artikolu 26b tad-Direttiva 2012/29/UE, li għandhom jiġu adottati u ppubblikati sa ... [erba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja]. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih t-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, humagħandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew jinkludu referenza għaliha meta jiġu pubblikati uffiċjalment. Il-metodi kif issir dik ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

*Dħul fis-seħħ*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Strażburgu,

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*